# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum il-Gimgha, 17 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 25**

**Rik. Nru. 382/1990/1 ISB**

**John u Emanuel aħwa Debattista**

**vs**

**Josephine Debattista u Carmen mart Manuel Sammut bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta Innag Household Limited u l-istess Josephine Debattista, Carmen mart Manwel Sammut, Anthony Debattista u Anthony Mallia bħala shareholders fl-istess soċjeta kif ukoll Manwel Sammut bħala Kap tal-kommunjoni tal-akkwisti bejnu u martu Carmen u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-**Ċitazzjoni** tar-rikorrenti **John u Emanuel aħwa Debattista**, intavolata fit-30 ta' Marzu 1990, li permezz tagħha talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Xxolji l-kumpanija Innag Household Limited minħabba li fil-fehma tal-Qorti jeżistu raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment a tenur tal-Art 150 (g) tal-Kap 168;*

2. *Taħtar stralċjarju sabiex jillidwida u jassenja l-assi tas-soċjetà b'dawk il-poteri, dmirijiet u kumpens li l-Qorti jidhrilha xieraq fil-każ;*

3. *Tiddikjara lil-konvenuti responsabbli sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf li nkorriet is-soċjetà minħabba l-aġir tagħhom fuq imsemmi;*

4. *Tillikwida t-telf imsemmi fit-tielet talba kif ukoll tillikwida kull somma oħra li l-konvenuti in solidum jew min minnhom għandu jrodd lil-assi tas-soċjetà rappresentanti valur ta' flus u/jew oġġetti minnu indebitament meħudha;*

5. *Tordna lir-reġistratur tas-soċjetajiet sabiex jirriġistra ix-xoljiment tal-imsemmija soċjetà u l-konsegwenzjali ħatra taħt dawk il-provvedimenti opportuni.*

U dan wara li ppremettew:

*Peress illi l-kontendenti huma soċji fil-kumpanija Innag Household Limited li ġiet reġistrata fit-30 ta' Ġunju 1976, liema kumpanija għandha bħala l-oġġett prinċipali tagħha l-bejgħ wholesale u retail ta' oġġetti tad-dar, u tiġġestixxi n-negozju tagħha taħt l-isem soċjali "Johnsons Stores".*

*Peress illi l-attur għandhom provi li juru illi n-negozju qed jitmexxa mil-konvenuti jew min minnhom b'mod frawdolenti u b'hekk qiegħdin jiġu serjament ippreġudikati d-drittijiet tal-atturi.*

*Peress illi fost affarijiet oħra l-konvenuti (1) biegħu xogħol bla ma ħarġu invoice, (2) ħallew proprjetà tal-kumpanija bil-pussess ta' terzi persuna mhux awtorizzati, (3) naqsu li jagħmlu xorta ta' stock taking a sodisfazzjon ta' l-atturi li, bħala azzjonisti tal-kumpanija, għandhom il-jedd għalih biex jiżguraw illi l-assi u l-proprejtà tal-kumpanija ma tispiċċax fix-xejn bi preġudizzju ta' xi wħud u vantaġġi personali ta' xi wħud, (4) irrimovew mil-istores tal-kumpanija merkanzija billi żgassew katnazzi, (5) taw credit bla kont, (6) biegħu affarijiet bi prezzijiet ir-riżorji, fosthom lil-konvenut stess Anthony Debattista b'mod illi l-kumpanija tilfet il-qliegħ tagħha, (7) ippermettew li wieħed li ma kienx u mhuwiex direttur, iġib ruħu li kieku kien direttur, anzi għamel funzjoni ta' Managing Director, (8) irrifjutaw aċċess lil-awdituri meta dawn marru biex jagħmlu stock taking kif kien diġa miftihem u inoltre żamewhom milli jagħtu tagħrif lill-atturi li għalih kienu intitolati skont il-liġi bħala soċji fil-kumpanija;*

*Peress illi b'dan l-aġir il-patrimonju tal-kumpanija qed jinġieb fix-xejn filwaqt li l-kovenuti personalment qegħdin jistennew.*

*Peress illi l-konvenuti ftehmu li jwettqu, u fil-fatt qegħdin jwettqu, atti frawdolenti biex il-proprjetà tal-kumpanija tiġi amministrata ħażin u tinħela;*

*Peress illi għalhekk u kif jiġi ippruvat aktar fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża jeżistu raġunijiet gravi biż-żejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà Innag Household Limited;*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-atturi ppreżentata maċ-ċitazzjoni (fol 3 sa fol 4).

Rat id-digriet tagħha, diversament preseduta, tat-3 ta` April 1990 fejn il-kawża kienet appuntata għas-smigħ għall-udjenza tas-7 ta' Mejju 1990 fid-9:00am.

Rat illi fis-16 ta' April 1990, il-konvenut **Anthony Mallia** ppreżenta n-nota tal-eċċeżżjonijiet tiegħu (fol 17), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi preliminarjament l-eċċepjent ma jaf bl-ebda prova illi n-negozju tal-kumpanija Innag Household Limited qed jitmexxa b'mod frawdolenti u lanqas li qed isiru l-fatti allegati mill-atturi nnumerati wieħed (1) sa tmienja (8) fiċ-ċitazzjoni, u għaldaqstant l-eċċepjenti, fil-każ li dawn jiġu pruvati, qed jirriżerva l-pożizzjoni tiegħu biex jirregola ruħu u jara jekk id-drittijiet tiegħu ta' azzjonista fl-istess imsemmija soċjetà ġewx ukoll ippreġudikati.*
>
> *Illi l-eċċepjenti ma jafx u lanqas għandu l-ebda prova li l-patrimonju tad-ditta Innag Household Limited qed jinġieb fix-xejn u mhux assolutament veru li hu personalment qed jistana minħabba xi aġir allegat mill-atturi fiċ-ċitazzjoni ;-*
>
> *Illi l-eċċepjent la qatt ftiehem li jwettaq u lanqas fil-fatt wettaq xi atti frawdulenti biex il-proprjetà tal-imsemmija tiġi amministrata ħażin u tinħela;*
>
> *Illi l-eċċepjenti ma jaf u lanqas għandu xi prova li jeżistu raġunijiet gravi biżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċejtà Innag Household Limited, però fil-każ li dawn jiġu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża, hu, bħala azzjonista, jixtieq jirriżerva d-dritt tiegħu li jirregola ruħu ulterjorment biex jissalvaguardja l-investment tiegħu fl-istess ditta, illi għalhekk fil-preżent u fin-nuqqas ta' tali prova, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.*

Rat illi fl-24 ta' April 1990, il-konvenuti **Carmen Sammut u Manwel Sammut** ppreżentaw in-nota tal-eċċeżżjonijiet tagħhom (fol 17), li permezz tagħha, huma sostnew:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes, stante illi ma jeżistu l-ebda raġunijiet sia gravi jew mhumiex li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà Innag Household Limited.*

2. *Illi t-tieni, tielet, raba' u ħames talbiet għandhom jiġu miċħuda wkoll bl-ispejjeż, stante illi huma konsegwenzjali u subordinarji għall-ewwel talba.*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-24 ta' April 1990, il-konvenuti **Carmen Sammut u Josephine Sammut bħala diretturi għan-nom u in rappresentanza tas-soċjeta` Innag Household** ppreżentaw in-nota tal-eċċeżżjonijiet tagħhom (fol 27), li permezz tagħha, huma sostnew:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes, stante illi ma jeżistu l-ebda raġunijiet sia gravi jew mhumiex li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà Innag Household Limited.*

2. *Illi t-tieni, tielet, raba' u ħames talbiet għandhom jiġu miċħuda wkoll bl-ispejjeż, stante illi huma konsegwenzjali u subordinarji għall-ewwel talba.*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-24 ta' April 1990, il-konvenut **Anthony Debattista** ppreżenta in-nota tal-eċċeżżjonijiet tiegħu (fol 31), li permezz tagħha, huwa sostna:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes, stante illi ma jeżistu l-ebda raġunijiet sia gravi jew mhumiex li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà Innag Household Limited.*

2. *Illi t-tieni, tielet, raba' u ħames talbiet għandhom jiġu miċħuda wkoll bl-ispejjeż, stante illi huma konsegwenzjali u subordinarji għall-ewwel talba.*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fil-25 ta' April 1990, il-konvenuta **Josephine Debattista** ppreżentat in-nota tal-eċċeżżjonijiet tagħha (fol 35), li permezz tagħha, hija sostniet:

1. *Illi l-allegazzjonijiet u l-addebiti kollha kontenuti fiċ-ċitazzjoni tal-atturi huma kollha foloz, inveritijieri għall-aħħar u ergo miċħuda u allura konsegwentament il-bażi ta' fatt għall-attriċi ma treġġix.*

2. *Huwa veru li hemm inkwiet serju fil-ġestjoni u amministrazzjoni tas-soċjetà konvenuta, imma dan ġie krejat bl-aġir abużiv u kriminali taż-żewġ atturi li issottreaw kwantita kbira ta' merkanzija u fondi tal-istess soċjetà f'dawn l-aħħar żminijiet, tant li saħansitra jinsabu għaddejjin kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati għal dan l-abbuż. U jidher li din il-kawża saret biss għal raġunijiet vessatorji biex jivvendikaw ruħom mill-esponenti ħuthom l-oħra, li għadhom jiġġestixxu l-istess soċjetà minkejja d-diffikultajiet kbar li qed isibu ma' wiċċhom b'riżultat tal-aġir abużiv tal-atturi.*

3. *Għalhekk it-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 1990, xehdet il-kovenuta Josephine Debattista, prodotta mill-atturi (fol 40 et seq).

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 1990, xehed il-konvenut Anthony Debattista prodott mill-atturi (fol 45 et seq).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Frar 1991 xehdet il-konvenuta Carmen Sammut, prodotta mill-atturi (fol 54 et seq).

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' April 1991 xehed Dottor Joseph Azzopardi, prodott mill-konvenut (fol 62 et seq) u xehdet l-konvenuta Carmen Sammut, prodotta mill-atturi (fol 64 et seq).

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 1991, xehdet il-konvenuta Carmen Sammut, prodotta mill-atturi (fol 70 et seq).

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 1995, xehdu Vincenza Sciberras bħala rappreżentatriċi tal-Mid Med Bank, Joseph Grech bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta, Joe Agius bħala rappreżentant tas-Central Bank of Malta, lkoll prodotti mill-atturi, kif ukoll l-attur John Debattista (fol 109).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 1995, id-difensur tar-rikorrenti ippreżenta dokument kunfidenzjali li jikkonsisti fi *statements* tal-banek Mid Med Bank u Bank of Valletta (Dok B1 sa B29, fol108).

Rat in-Nota tal-attur John Debattista intavolata fid-19 ta' Frar 1996 li permezz tagħha ippreżenta kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Diċembru 1993 fl-ismijiet "Pulizija vs John Debattista et" (Dok MM, fol 111 et seq).

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 1996 xehed l-Ispettur Kevin Ellul Bonici prodott mill-atturi (fol 119 et seq) u l-attur John Debattista (fol 132 et seq). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-attur John Debattista li ma kellux iktar provi x'jipproduċi.

Rat in-Nota tal-attur Emanuel Debattista intavolata fid-29 ta' Frar 1996, li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu (Dok EMR, fol 139 et seq).

Rat in-Nota tal-attur Emanuel Debattista intavolata fl-4 ta' Marzu 1996, li permezz tagħha ppreżenta aġġunta għall-affidavit tiegħu (Dok AF2, fol 154 et seq).

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 1996, xehdet il-konvenuta Josephine Debattista, prodotta mill-attur Emanuel Debattista (fol 161 et seq).

Rat in-nota tal-Aġent Reġistratur tal-Qrati intavolata fit-23 t'April 1996, li permezz tagħha ppreżenta kopja vera tax-xhieda tal-konvenuti mogħtija fil-kawża kriminali 'Il-Pulizija vs Emanuel Debattista u John Debattista' deċiża mill-Maġistrat Dottor Michael Mallia fil-15 ta' Diċembru 1993 (fol 226 sa 390).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 1996 xehed l-Ispettur Kevin Ellul Bonici, prodott mill-atturi (fol 395 et seq) u rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-attur Emanuel Debattista li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Mallia intavolata fis-7 ta' Marzu 1997 li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu (Dok AM, fol 409 et seq).

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 1997, xehed il-konvenut Anthony Mallia, in kontro-eżami (fol 414 et seq).

Rat in-nota tal-konvenuti Josephine Debattista u Carmen Sammut li permezz tagħha ppreżentaw l-affidavits tagħhom (Dok JD u Dok CS, fol 435 et seq u Dok 442 et seq, rispettivament).

Rat illi fl-udjenza tat-3 t'April 1997, xehdet il-konvenuta Carmen Sammut, in kontro-eżami (fol 446 et seq), kif ukoll il-konvenut Anthony Debattista (fol 462 et seq).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 1997 xehed l-Ispettur Kevin Ellul Bonici, prodott mill-atturi (fol 512 et seq) u ppreżenta numru ta' dokumenti (Dok KEB1 sa Dok KEB5, fol 502 sa 511).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 1998 xehdet il-konvenuta Carmen Sammut (fol 521 et seq).

Rat illi fl-10 ta' Lulju 1998, il-Qorti tat provvediment li permezz tieghu:

***… tiddisponi mill-ewwel żewġ talbiet hekk:***

1. ***Tordna x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta` Innag Household Limited billi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw dan;***

2. ***Taħtar lil John Falzon u lil Godwin Falzon flimkien bħala stralċjarji bid-dmirijiet u setgħat taħt l-art. 235, u 237 sa 242 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;***

3. ***Tawtorizza lill-istess stralċjarji sabiex, perjodikament, jissottomettu għall-approvazzjoni tal-qorti il-kont tad-drittijiet professjonali tagħhom;***

4. ***Tordna li tintbagħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kopja ta' din is-sentenza kif irid l-art. 224 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji.***

Huwa minnu illi hafna minn dak li ser jinghad kien rilevanti ghall-ordni ta' xoljiment u stralc, b'dana kollu ghall-kompletezza tad-decizjoni hawnekk moghtija qed issir referenza ghas-segwenti ukoll.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 1999, fuq talba magħmulha minnhom, l-istralċjarji ġew meħlusa mill-inkarigu tagħhom.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru 1999, il-Qorti ħatret bħala stralċjarju lil Vincent Curmi bl-istess inkarigu u taħt l-istess kundizzjonijiet.

Rat illi permezz ta' nota intavolata fit-2 ta' Mejju 2000, l-istralċjarju Vincent Curmi rrinunzja għall-inkarigu lilu mogħti mill-Qorti u fl-udjenza tad-19 t'Ottubru 2000, Vincent Curmi ġie meħlus mill-inkarigu tiegħu.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2000, il-Qorti ħatret bħala stralċjarju lil David Pace, bl-istess inkarigu u taħt l-istess kundizzjonijiet.

Rat in-nota tal-atturi intavolata fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tagħha ġiet esebita kopja dattilgrafata tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 9/89 Kummerċ liema Mandar kien sar kontestwalment mal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna (fol 682 sa fol 724).

Rat ir-rapport tal-istralċjarju David Pace ippreżentat fis-17 ta' Frar 2006 li permezz tiegħu ta rendikont tal-istat li fih tinsab il-propjeta fl-Imsida bin-numri 74, 75 u 76 fi Triq l-Imsida.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2006, fuq talba tiegħu, il-Qorti ħellset lil David Pace mill-inkarigu tiegħu u ħatret floku lil John Bonnici bl-istess inkarigu u fakoltajiet.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2006, il-Qorti kienet infurmata li John Bonnici ma setghax jaqdi l-inkarigu tiegħu bħala stralċjarju u għalhekk ħatret lil Adrian Sciberras.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2008, il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi l-istralċjarju ma bediex l-inkarigu tiegħu u konsegwentament il-Qorti ħassret il-ħatra ta' Adrian Sciberras.

Rat Illi fit-3 ta' Diċembru 2008, billi ma ġiex notifikat stralċjarju, il-qorti ħatret lir-riċevitur uffiċjali bħala stralċjarju,

Rat in-nota tar-Riċevitur Uffiċjali intavolata fl-14 ta' Lulju 2010 li permezz tagħha ir-riċevitur uffiċjali, Joseph Spiteri Staines, irriżenja mill-kariga ta' Riċevitur Uffiċjali b'effett mit-30 ta' Ġunju 2010.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2011 il-Qorti ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju f'dawn il-proċeduri.

Rat in-nota tal-istralċjarju, Dr Kevan Azzopardi, intavolata fl-20 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha informa l-Qorti li ser jbiegħ il-merkanzija li tista` tinbiegħ u li bħalissa tinsab fil-fondi 38A, Dock Street Msida u 40, Msida Seafront, Msida.

Rat id-digriet tagħha datat 19 ta' April 2013 li permezz tiegħu awtorizzat lir-riċevitur uffiċjali sabiex fir-rigward tal-fondi 44, Msida Seafront u 33, Yacht Marina Court, Msida jinkariga perit biex jidentifika x'periklu hemm fil-propjetajiet u r-rimedji li jistgħu jittieħdu.

Rat ukoll id-digriet tagħha data 19 ta' April 2013 li permezz tiegħu awtorizzat lir-riċevitur uffiċjali sabiex fir-rigward tal-merkanzija fil-fondi 39, Dock Street u 40 u 41 Msida Seafront, Msida, tinbiegħ b'irkant. Fir-rigward tal-mobbli li m'humiex ta' valur ir-riċevitur uffiċjali għandu jagħti l-opportunita` lill-partijiet li jekk irid jieħduhom huma u fin-nuqqas jiddisponi minnhom.

Rat ir-rikors tal-attur John Debattista intavolat fit-22 t'April 2013 (fol 917) fejn huwa talab lil Qorti sabiex tagħti provvediment xieraq u opportun sabiex ikunu jistgħu jingħalqu l-*accounts* tal-kumpanija għall-perjodu bejn l-1988 sad-data meta ġie ordnat l-istralċ tagħha u tagħti provvediment sabiex jiġu ffirmati u stabbliti l-assi mobiljari u mmobiljarji tas-soċjeta u sabiex jiġi aċċertat li d-drittijiet tal-istess attur ma jiġux aktar mittiefsa.

Rat in-nota tal-attur John Debattista intavolata fis-7 ta' Mejju 2013 b'dikjarazzjoni magħmulha minnu (fol 925 u 926).

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2013, l-istralċjarju kkonferma li kien sar rapport mill-Perit dwar il-fondi fuq deskritti u li l-fondi 38 u 41 kienu ġew sbarazzati u ttieħdu r-ritratti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Duncan Muscat intavolat fit-28 ta' Ġunju 2013 (fol 928A) rigward il-periklu u r-rimedji fil-fondi bin-numri 44, u 33, 'Yacht Marina Court', f'Xatt l-Imsida, l-Imsida.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2013 xehed l-istralċjarju Kevan Azzopardi (fol 954).

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2014, l-istralċjarju Kevan Azzopardi ddikjara li mit-tagħrif li rnexxielu jiġbor, il-kumpanija in kwistjoni ma baqgħatx tinnegozja b'effett mid-29 ta' Lulju 1998 il-ħanut Johnsons, numru 41, Msida Seafront.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2014 xehed l-attur John Debattista (fol 961 et seq).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ġunju 2014 xehed Simon Grech (fol 971 et seq) u rat li l-attur John Debattista ppreżenta nota (fol 973) li permezz tagħha ppreżenta pjanta b'indikazzjoni tal-propjeta` immobli tas-soċjeta de quo (fol 974).

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2015 xehdu l-attur Emanuel Debattista (fol 980 et seq) u l-konvenuta Carmen Sammut (fol 985 et seq). Rat ukoll li l-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2016, l-istralċjarju ppreżenta relazzjoni tal-Perit Duncan Muscat rigward sit bejn Triq il-Baċir, Triq Clarence u Triq il-Marina, l-Imsida (fol 1052).

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2016, l-istralċjarju informa l-Qorti li kienet saret laqgħa minnu mal-partijiet fejn ġie diskuss kif ser tinqasam il-propjeta immobbli.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2017 xehed Dr Kevan Azzopardi (fol 1073).

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Duncan Muscat intavolata fit-28 ta' Ġunju 2017 (fol 1091) rigward il-propjeta` bin-numru 41 fi Triq Msida Seafront, Msida.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2019 il-partijiet qablu illi l-istralċjarju ma jagħmel ebda distribuzzjoni, anke jekk parzjali, tal-flus jew depożiti fi flus, li għandu tal-kumpanija qabel ma jiġu deċiżi t-tielet u r-raba talbiet taċ-ċitazzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2020, l-istralċjarju ppreżenta nota b'kuntratt tat-trasferiment tal-immobbli data 13 ta' Frar 2020 fl-atti tan-Nutar Simon Manicolo anness (fol 1187).

Rat ir-rikors tal-konvenuti Josephine Debattista u Carmen Sammut intavolat fl-20 ta' Frar 2020 (fol 1253) fejn din il-Qorti intalbet tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba` talba taċ-ċitazzjoni stante li m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma` u tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet.

**Rat il-provvediment tal-Qorti datata 21 ta' Lulju 2020 (fol 1279 et seq) fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-konvenuti Josephine Debattista u Carmen Sammut kif dedotti fir-rikors intavolat minnhom fl-20 ta' Frar 2020.**

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Lulju 2020, il-Qorti ordnat li l-istralċ jieqaf sakemm ikunu deċiżi mill-Qorti it-tielet u r-raba` talba tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi magħmulha mill-partijiet fir-rigward tat-tielet u r-raba` talba.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2022, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni mill-partijiet u bi qbil tħalliet għall-udjenza tal-5 t'Ottubru 2022 għas-sentenza.

Rat illi fil-mori tad-differiment il-Qorti nnotat li kien hemm verbali ta' seduti li kienu nżammu quddiem il-Perit Legali Giannino Caruana Demajo (sussegwentament elevat ghall-Bank tal-Gudikatura) li kienu neqsin mil-proċess u għalhekk akkordat żmien lill-partijiet sabiex jgħinu lill-Qorti sabiex jiġu ntraċċati l-istess dokumenti.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2022, il-partijiet iddikajraw li ma rnexxilhomx jintraċċaw l-imsemmija dokumenti u qabblu li din il-Qorti kellha tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi kollha li jinsabu inseriti fil-proċess u għalhekk il-kawża tħalliet illum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż numru sostanzjali ta' rikorsi u digrieti li jikkonċernaw l-istralċ u l-propjeta` immobbli li ma ġewx inkużi fid-dettal hawn fuq minħabba li din is-sentenza hija limitata għat-tielet u r-raba` talbiet attriċi.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi fid-dikjarazzjoni tagħhom l-atturi **John u Emanuel Debattista** isostnu li huma soċji fil-kumpanija **Innag Household Limited** li ġiet reġistrata fit-30 ta' Ġunju 1976 bl-oġġett prinċipali kien dak li tbigħ wholesale u retail tal-oġġetti tad-dar u tiġġestixxi n-negozju tagħha taħt l-isem "*Johnsons Stores*".

Jispjegaw li għandhom provi li juru illi n-negozju qed jitmexxa mil-konvenuti jew minn minnhom b'mod frawdolenti. Jispjegaw li fost affarijiet oħra, il-kovenuti (i) biegħu xogħol bla ma ħarġu invoices (ii) ħallew propjeta` tal-kumpanija fil-pussess ta' terzi mhux awtorizzati (iii) naqqsu li jagħmlu xorta ta' *stock taking* kif xieraq (iv) neħħew oġġetti mill-istores billi żgassaw katnazzi (v) taw kreditu bla kont (vi) biegħu oġġetti bi prezzijit irriżorji, fosthom lil Anthony Mallia stess (vii) ippermettew li wieħed li ma kienx direttur iġib ruħu ta' *managing director* (viii) irrifjutaw aċċess lill-awdituri meta marru biex jagħmlu *stock take* u zammewhom milli jagħtu tagħrif lill-atturi.

Isostnu li b'dan l-aġir l-assi tal-kumpanija qed jinġiebu fix-xejn filwaqt li l-konvenuti personalment qegħdin jistghanew. Jgħidu li l-konvenuti ftehmu u qegħdin iwettqu atti frawdolenti biex il-propjeta` tal-kumpanija tiġi amministrata ħażin u tinħela.

Illi l-konvenuta **Josephine Debattista** fix-xhieda tagħha tgħid illi is-soċjeta` Innag Household Limited ġiet kostitwita meta l-konvenut Anthony Mallia kien wella n-negozju ġestit taħt l-isem Johnsons Stores lilha, lill-erba' ħutha u lir-raġel t'oħtha.

Tgħid li dak iż-żmien missierha kien diġa propjetarju ta' immobbli u kien ilu hekk minn meta kienu zgħar. Tgħid li dak iż-żmien l-għalqa bl-imħażen kienet teżisti u minn dak iż-żmien in-numru ta' imħażen żdied. Tgħid li meta ġiet kostitwita l-kumpanija, kienu tqabbdu awdituri Norman Spiteri & Co sabiex jagħmlu *stock take*. Dan kien sar fiż-żewġ ħwienet bin-numru 38 u 41 f'Xatt l-Imsida. Tgħid li iż-żewġ ħwienet ma kinux jinfdu iżda wieħed minnhom fuq wara fih bitħa u taraġ u ma tafx l-awdituri kienux daħlu hemm.

Tgħid li meta twaqqfet il-kumpanija hija saret Direttur u shareholder, bħal ħuha Emanuel Debattista. Tgħid li l-kumpanija kienet mixja sew sakemm kienu kollha hemm imbagħad telqu Anthony Debattista u Anthony Mallia u l-affarijiet inbidlu. Tgħid li sa fejn taf hi l-kumpanija dejjem tmexxiet sew. Tgħid li ma taf xejn dwar *returns tal-income tax*, hi kienet taħdem biss bħala *salesgirl* u dawn l-affarijiet kien jieħu ħsiebhom Anthony Mallia li tgħid li hi għandha fiduċja fih u li meta kien imexxi hu kienet kuntenta u kienu jsiru l-board meetings, mentri tispjega li llum (1990) mhumiex isiru. Tispjega li hi qatt ma kienet tbattal il-*cash register*, iżda din kien jieħu ħsiebha l-istess Anthony Mallia u kollox kien jitniżżel bil-miktub. Tispjega li wara li telaq Anthony Mallia, hi ma tafx x'kien isir.

Tgħid li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni ġuramentata huma kollha invertijeri u tgħid li minn mindu bdew imexxu n-negozju l-atturi ma sarx aktar *stock taking*.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tagħha tgħid li l-kontroll ta' kuljum tal-kumpanija f'dak iż-żmien (xhieda ingħata fis-7 ta' Marzu 1996) kienet f'idejha u f'idejn oħtha Carmen Sammut u ilha hekk minn meta telqu l-atturi. Tgħid li l-karti tal-kumpanija kienu fl-uffiċċju u ċ-ċwievet tal-imsemmi uffiċċju nżammu mill-atturi. Tgħid li lil Marixall Albert Scicluna mal-ewwel tawh iċ-ċwievet li kellhom huma sabiex ikun jista` jesegwixxi l-Mandat ta' Deskrizzjoni. Tispjega li lill-atturi kienu ta' spiss jitolbuhom iċ-ċwievet u dawn kienu jirrifjutaw li jagħtuhomlhom. Tgħid li lilha u lil oħtha kienu sawtuhom fiżikament u wara telgħu fl-*istores* u ħadu numru t'affarijiet u ħadu ċ-ċwievet ta' kullimkien. Tgħid li qatt ma rrapurtat lill-Pulizija dwar li ħutha sawtuhom.

Tgħid li minn dakinhar li telqu l-atturi qatt ma għaddewlhom kopji tar-records tal-kumpanija bħala azzjonisti. Tgħid li mhux ser tagħti xejn qabel tinqata l-kawża odjerna u li l-atturi serquhom flus u hemm il-merkanzija li qegħda d-depot. Tgħid li għandha *record* ta' kollox inkluż il-bejgħ li qegħdin jagħmlu u l-istock li joħroġ u jidħol fl-istores. Tgħid li kollox huwa f'idejn l-awditur Eric Brimmer. Tgħid li *stock-taking* għamluh hi u oħtha Carmen Sammut flimkien mat-tifel t'oħtha li qiegħed jgħinhom, kif ukoll l-awdituri li kienu preżenti u ċioe` it-tifel ta' Eric Brimmer. Tgħid li l-awdituri jiġu kull ġimgħa sabiex imexxuhom. Mistoqsija dwar l-*annual return* tal-kumpanija hiex qegħda tintbagħat lir-*Registrar of Partnerships*, tgħid li dawn l-affarijiet huma f'idejn oħtha Carmen Sammut. Tgħid li ppruvaw jagħmlu *general meeting* iżda ma kienx hemm rispons mill-atturi. Tgħid li l-atturi qatt ma talbuha *records* tal-kumpanija. Tgħid ukoll li hi mhix lesta tagħti l-imsemmija *records* u tispjega li l-atturi serqulhom somma ta' flus u xandruhom li qegħdin fi kriżi biex kulħadd mar jitlobhom flusu. Tgħid li l-flus li kien hemm fil-*cash register* ħadhom kollha John Debattista. Tgħid li sa fejn taf hi il-kristall li ġie elevat mill-pulizija għadu d-depot.

Tispjega li oħtha tieħu ħsieb il-kitba fil-kumpanija u hi tgħinha billi tbigħ lin-nies u tagħmel l-irċevuti. Tgħid li fil-preżent ir-rendikont tal-*cash sales* jinżammu mill-*cash*

*register* u qabel ma kien hemm il-*cash register* Carmen Sammut kienet tniżżel kollox. Mistoqsija x'kienu jagħmlu bil-flus li jkun hemm fil-*cash register*, tgħid li huma kellhom biss dejn minħabba li l-atturi ħadu l-flus kollha. Tgħid li eventwalment mill-flus li daħlu għamlu l-madum tal-ħanut u sewwew xi soqfa tal-imħażen. Tgħid li l-flus ma kinux jibqgħu fil-*cash register* għal dejjem iżda kienu jitwarrbu u kienet iżżommhom hi għandha. Tgħid li għal xi żmien il-konsenjaturi ma kinux jaċċettaw ħlief *cash* għax l-atturi kienu xandruhom li qegħdin fi kriżi. Tgħid li huma ma setgħux jużaw ic-*cheque book*. Tgħid li qabel ma telqu l-atturi, John Debattista kien jieħu ħsieb kollox hu u kien ibattal il-*cash register* kuljum preċett.

Tispjega li l-atturi kienu ħallew ħafna dejn u bdew iħallsu dan id-dejn mill-*cash sales* li kien ikollhom. Tgħid li l-ewwel tħallsu l-Gvern (kontijiet tat-telefon, dawl u ilma), imbagħad l-awdituri. Tgħid li l-atturi kienu ħallew l-affarijiet f'dan l-istat għax sa żmien Tony Mallia ma kienx hemm dawn il-problemi. Tgħid li John Debattista kien kellu żewġ kotba ta' ħamsa u għoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) *bearer accounts* flok ħallas id-dejn.

Tgħid li wara li telqu l-atturi stock ġdid daħħlu kemm jinqdew minħabba li kienu bla flus. Tgħid li kienu jixtru mingħand diversi konsenjaturi. Tgħid li ma kinux iġibu kwantitajiet iżda kemm ikollhom bżonn biex jaħdmu.

Mistoqsija jekk John Debattista kienx jimmarka l-*cash sales* li jkun ra, tgħid li dan mhux minnu. Mistoqsija jekk hix lesta tippreżenta r-*records* lill-Qorti, tgħid li qabel ma` l-atturi jgħaddu r-records tas-sena li għamlu waħedhom mhux ser tagħti xejn. Tgħid li l-atturi għamlu sena jgerrfxu waħedhom wara li telqu Anthony Mallia u Anthony Debattista.

Tgħid li l-aħħar *general meeting* sar f'Jannar tal-1989. Tgħid li mal-atturi ma tistax tiftiehem u li għaddewhom minn terrur. Tgħid li d-deċiżjoni li jitqabbad Eric Brimmer ħaduha hi u oħtha Carmen Sammut. Tgħid li bejn wieħed u ieħor John Debattista ħa s-somma ta' disgħin elf Liri Maltin (Lm90,000) fi flus u f'*bearers.* Tgħid li dawn il-flus kienu ta' iktar minn sena negozju għaliex ħadu li kien hemm miġbur mis-snin ta' qabel.

Tgħid li llum il-kumpanija sejra tajjeb u li l-ħanut mimli bl-*istock* u l-business mexa 'l quddiem. Tgħid li l-flus li daħlu mil-1988 sa llum jitqiegħdu kollha fil-*business* u joħorġu l-ispejjeż minnhom. Tikkonferma li tqassim ta' qliegħ ma sarx. Tgħid li kien hemm ħanut tal-*wholesale* li minn dak iż-żmien kien ingħalaq. Tgħid li qatt ma qattaw karti u rmewhom fil-boroż taż-żibel.

Tgħid li meta ġie l-marixxal Scicluna kien daħal fl-uffiċju ma ħuha Anthony Debattista. Ssostni li hi għandha sebgħin Liri Maltin (Lm70) fil-ġimgħa paga mill-ħanut u taħdem iktar minn tnax -il siegħa kuljum u ġieli tidħol anke l-Ħadd. Tgħid li ma tieħu l-ebda flus oħrajn.

Tgħid li l-ħwienet qatt m'ingħalqu. Tispjega li darba sabu kullimkien magħluq bil-katnazzi u fuq parir tal-avukat tagħha kienu qaċċtu l-katnazzi. Ma taf bl-ebda ftehim li kellhom isiru katnazzi.

Mistoqsija in kontro-eżami jekk hux minnu li joperaw *cash* minħabba li hemm diversi mandati fuq il-kontijiet, tikkonferma li dan huwa minnu.

Fl-affidavit tagħha (maħluf 17 ta' Marzu 1997) tgħid illi missierha kien għadda l-kumpanija f'idejn ulieda u poġġa bħala managing director lil Anthony Mallia. Tgħid li Anthony Mallia kien imexxi b'responsabilita` kbira u kien ilaqqagħhom ta' spiss. Tgħid li Emanuel Debattista kien spiss jgħid li mhux imħallas biżżejjed u jitlob iż-żidiet. Tgħid li Emanuel kellu f'idejh id-*delivery service* u qatt ma kien jirritorna bil-flus kollha li suppost ikun ġabar. Tgħid li aktar 'l quddiem id-*delivery* għadda f'idejn Manwel Sammut, ir-raġel ta' Carmen Sammut, li dejjem kien iġib lura flus eżatt.

Tispjega li meta t-tmexxija għaddiet f'idejn John Debattista, dan kien jilmenta li x-xogħol kien sejjer lura u ma riedx li tinxtara aktar merkanzija. Tgħid li kull filgħodu John kien jidħol fil-ħanut, jiġbed it-total u jieħu l-flus tal-*cash*. Anthony Mallia kien dejjem iħallas, jixtri u jiffirma fil-presenza ta' John, mentri meta beda jmexxi John kien jagħmel kollox waħdu u ma kienx ikollhom tagħrif jew rendikont tad-dħul.

Tgħid li meta titla` fl-istores kienet issib lill-mara ta' Emanuel Debattista tieħu ħsieb id-dħul tad-*delivery* ma John. Tgħid li hi kienet uriet li ma taqbilx ma dan. Tgħid li darba John kien qalilha ma tħallix lil Carmen waħedha fil-ħanut minħabba li kienet qegħda tisraq. Tgħid li Carmen kienet tieħu biss il-paga tar-raġel tagħha mill-kumpanija.

Tgħid li l-intenzjoni ta' John u Emanuel kienet li jneħħu lilha u lil oħtha mill-kumpanija u bdew kontinwament jgħajjtu magħhom. Tgħid li iddeċidew li jpoġġu l-flus tal-kumpanija f'bearers flok ħallsu d-djun. Tgħid li lil Carmen, John kien offrielha ħamsa u għoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) għas-sehem tagħha fil-kumpanija iżda din m'aċċettatx.

Tgħid li darba minnhom, kien is-Sibt, kien inqala disgwid bejn John u Carmen u John u Emanuel kienu ħebbew għaliha u tawha diversi daqqiet ta' ponn. Tgħid li wara ġie Anthony Debattista u beda jgħin lil John u Emanuel idaħħlu l-affarijiet ħalli jagħlqu l-ħanut. Tispjega li hi ma qablitx ma dan u flimkien mal-lavrant bdew jerġgħu joħorġu l-affarijiet. Tgħid li John u Emanuel telgħu fl-uffiċju u fl-istores u ħadu ċwievet, għodod, merkanzija u dokumenti relatati mal-kumpanija. Tgħid li John taha ċ-ċwievet għalkemm Emanuel ma riedx. Tgħid li għalkemm telqu, baqgħu jkunu barra l-ħanut u jieħdu n-numru tal-karozza ta' kull klijent li kien jiġi.

Tispjega li darba minnhom kellha ordni ta' kristall u meta marret fl-istores għalih ma sabitux. Tgħid li l-lavrant kien infurmaha li John u Emanuel kienu għabbewhom fit-trakkijiet u telqu bihom. Tgħid li dik il-ġimgħa biddlu l-katnazzi tal-istores kollha u fuq parir tal-avukat kienu sgassawhom. Tgħid li kienu ħadu wkoll flus tal-kumpanija fl-ammont ta' disgħin elf Liri Maltin (Lm90,000). Tgħid li kienu ħallew djun kbar fuq il-kumpanija ta' madwar għoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000).

Il-konvenut **Anthony Debattista** fix-xhieda tiegħu jgħid li s-soċjeta` Innag Household ġiet kostitwita għaliex missierhom kien kiber ħafna fl-eta` u sabiex imexxu n-negozju huma.

Jgħid li dak iż-żmien in-negozju kien tajjeb. Jgħid li dak iż-żmien hu kien *salesman*. Jgħid li meta ġiet kostitwita s-soċjeta` sar l-*istock taking* permezz tal-awdituri u hu kien segwa lill-awdituri u wriehom fejn kellhom imorru biex jagħmlu xogħolhom. Jgħid li l-aħwa kollha assistew f'xi ħin jew ieħor fl-*istock taking*. Jgħid li l-eżerċizzju dam aktar minn gimgħa. Jgħid li oriġinarjament kien hemm sitt '*sheds'* taż-żingu li kien hemm minnhom twaqqgħu minħabba ftuħ tat-triq. Jgħid li kien hemm minn dawk ix-'*sheds'* li gew rrangati sabiex missierhom ħażen merkanzija li ma kienx bejgħ lis-soċjeta`.

Jgħid li aktar minn seba' snin ilu (xhieda mogħtija fl-1990), kienu inbnew sitt imħażen tal-ġebel. Jgħid li fiż-żmien tal-*istock taking* ma nbena l-ebda maħżen kbir taż-żingu. Jgħid li meta ġiet kostitwita l-kumpanija lil ċerta Carmela Genovese akkomodawha f'Dock Street, Imsida, propjeta` ta' missierhom u fir-razzett fejn kienet toqgħod hi poġġew il-merkanzija li ma nxtratx mingħand missierhom.

Jispjega li mal-awdituri, waqt l-*istock taking*, hu mar fil-garages numru 1, 2 u 3 u f'tinda faċċata tagħhom, fejn wara nbnew sitt mħażen. Jgħid li meta ġiet kostitwita s-soċjeta`, il-merkanzija kollha ġiet ppustjata u kienu pparteċipaw l-aħwa kollha.

Jgħid li hu kien *sales manager* u shareholder tas-soċjeta` u llum huwa biss shareholder. Jgħid li fil-bidu kien ukoll direttur sakemm neħħieħ mill-kariga Emanuel Debattista. Jgħid li sar jaf li tneħħa mill-kariga meta saret serqa iżda kien ilu xi erba' snin ma jipparteċipa b'mod attiv fil-kumpanija, tul liema żmien ħadd ma sejjaħlu biex jattendi xi *board meeting* ħlief darba. Tul dan iż-żmien lanqas ma rċieva rapport dwar l-istat tas-soċjeta`. Jispjega li meta kien jipparteċipa kien chairman Anthony Mallia li kien jinfurmah bil-landament tal-kumpanija waqt il-*board meetings*.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda (3/04/1997), hu jgħid li darba ċemplitlu oħtu biex jinżel il-ħanut u sab lil ħutu s-subien fl-idejn ma ħutu l-bniet u beda jdaħħal l-affarijiet biex jagħlaq il-ħanut. Kif għamel dan ħutu kollha daru kontrih u għalhekk telaq. Aktar 'l quddiem kienet ċemplitlu oħtu għax kien hemm xi merkanzija nieqsa li wara nstabet f'garaxx l-Imqabba u kienu daħħlu l-Pulizija fl-istorja. Jgħid li s-sentenza inqatgħet li hu kien ħati daqshom meta hu kien ilu snin ma jersaq lejn l-imħażen. Jgħid li x-xewqa tiegħu hi li tingħalaq il-kwistjoni u jinqasam kollox.

In kontro-eżami jgħid li hu kien ilu madwar ħames snin nieqes mill-kumpanija meta telaq Anthony Mallia. Jgħid li bejn l-1985 u l-1986 kien telaq u fetaħ għal rasu. Jgħid li minn meta telaq Anthony Mallia ħadd qatt ma tah rendikont u qatt ma sar xejn. Jgħid li lil ħutu dejjem fdahom, kollha kemm huma. Jgħid li qatt ma kien interessat li jirċievi xejn għax kien sejjer tajjeb għal rasu. Iżda jgħid li għad hemm is-sehem tiegħu meta l-affarijiet jinqasmu. Jgħid li ħutu nbiddlu u moħħhom biss biex jiġġieldu. Jgħid li l-awdituri u l-*accountants* fil-preżent ma jafx min huma.

Jispjega li hu telaq mill-kumpanija għax beda jara li l-affarijiet mhux mexjin sew. Jispjega li fil-fehma tiegħu llum il-ħanut qed jitmexxa tajjeb għax l-aħwa bniet kapaċi jmexxu.

Mistoqsi dwar dak is-Sibt meta ċemplulu ħutu meta inqala l-ġlied bl-idejn jgħid li ma jiftakarx eżatt dwar xiex kienet il-ġlieda. Jgħid li ħutu s-subien kienu tal-istess idea tiegħu u ċioe li jagħlqu l-ħanut u għadhom b'dik l-idea sa llum. Jgħid li ħutu l-bniet trabbew fih u jixtiequ jħalluh miftuħ. Jgħid li għalkemm dakinhar qabel li jagħlqu l-

ħanut sabiex isir *stock take* u jinqasmu l-affarijiet, wara rrealizza li kien żbaljat minħabba li ħutu s-subien kienu diġa ħadu sehemhom u kien għalhekk li telaq minn fuq il-post.

Jikkonferma li kien intlaħaq ftehim li ċ-ċwievet tal-ħwienet u l-imħażen ikunu doppji sabiex wieħed ma jiftaħx fl-assenza tal-ieħor. Jikkonferma li kien hu li sgassa l-katnazz għax ħutu s-subien ma kinux qegħdin jiġu biex jiftħu fil-ħin.

Jgħid li qbil sabiex isir *stock taking* qatt ma ntlaħaq. Jispjega li hu ma kienx jaf bil-ftehim bejn l-erba' aħwa li l-kristall jiġi mċaqlaq biex ma jidhirx fl-i*stock taking*. Jgħid li meta ġie esegwit il-Mandat ta' Deskrizzjoni hu kien ikun preżenti għax hekk ġie mitlub li jagħmel minn Josephine u Carmen. Jgħid li hu qatt ma ċaqlaq merkanzija waqt l-inventarju ħlief biex ikun jista jidher ix-xogħol li kien ippustjat fuq wara. Jgħid li mhuwiex minnu li kienet tiġi mċaqalha l-merkanzija minn garaxx għall-ieħor biex ma titniżżilx fil-Mandat. Jgħid li matul il-Mandat kullimkien infetaħ biċ-ċwievet u qatt ma sar sgass. Jgħid li ċ-ċwievet kienu jingħataw lilu minn Carmen u Josephine. Jgħid li minn dakinhar qatt ma daħal fl-imħażen u daħal biss fil-ħanut jew biex ikellem lil ħutu jew biex jixtri.

Jgħid li minn dakinhar qatt ma rċieva divedend tal-kumpanija. Jgħid li l-*business* huwa wieħed tajjeb iżda mhux daqs qabel.

Il-konvenuta **Carmen Sammut** fix-xhieda tagħha tgħid li hi tippresumi li meta ttieħed in-negozju sar *stock taking*. Tispjega li dak iż-żmien hi kienet taħdem biss bħala *salesgirl*. Tgħid li l-awdituri kienu d-ditta *Norman Spiteri* u li l-impjegati ta' din id-ditta kienu jiġu l-ħanut iżda ma tafx kinux iduru l-imħażen. Tgħid li hi qatt ma dawrithom la mal-imħażen u lanqas mal-ħanut iżda ġieli kienet preżenti meta dawruhom mal-ħanut ħutha John, Twanny u Emanuel.

Tgħid li mill-ħanut fejn tkun hi, *Johnsons Stores*, ma tagħtix rċevuta meta tbiegħ *cash sale* jekk ma tiġix mitluba. Tispjega li meta isir bejgħ permezz ta' konsenja barra mill-ħanut, il-pagament isir bis-sistema ta' *cash on delivery*. Meta isir bejgħ fil-ħanut b'*cash sale* u l-klijent ma jitlobx irċevuta, il-flus jitpoġġew fil-*cash register* u d-dħul jiġi reġistrat fuq ir-rombli tal-*cash register.* Tgħid li meta telqu l-atturi kissru l-*cash register* u llum (1990) jintuża *cash register* ieħor żgħir.

Tgħid li jidhrilha li n-negozju kien jitmexxa tajjeb u meta jittieħdu l-flus mill-ħanut kien ikun hemm tnejn min-nies. Tgħid li n-negozju jitmexxa b'mod vantaġġjuż u regolari. Tgħid li fil-preżent lill-awdituri tagħtihom l-informazzjoni dwar x'bejgħ isir fil-ħanut b'mod verbali mir-*records* li żżomm. Tgħid li mhix pronta tagħti dawk ir-*records.*

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tagħha, tgħid illi l-kotba tas-soċjeta qegħdin jinżammu mill-*accountant* Eric Brimmer li ilu *accountant* tas-soċjeta` minn November 1988. Tispjega li l-accounts mhux qed jiġu sottomessi minn xi awditur għaliex parti mill-istock miżmum mill-pulizija. Tgħid li din tikkonsisti minn merkanzija li ħaduha l-atturi mill-imħażen tas-soċjeta` u ma tafx jekk fil-fatt ħadux xi merkanzija oħra.

Tgħid li mill-kumpanija mhux qed jitqassmu *dividends* u li hi u oħtha, flimkien ma lavrant ieħor, jieħdu biss il-paga. Tgħid li l-awdituri tas-soċjeta` huma Norman Spiteri & Co u li minn Novembru 1988 'l hawn qatt ma kellmithom minħabba li

m'hemmx x'jagħmlu. Tgħid li l-ħwienet 38 u 41 f'Xatt l-Imsida jinfetħu kull ġurnata tax-xogħol u huma stokkjati tajjeb.

Tgħid li l-workings li jgħaddu lill-*accountant* iżżommhom hi mill-aħjar li taf. Tgħid li għandha fiduċja fl-*accountant* Brimmer u qatt ma ddiskutiet miegħu l-fatt li l-atturi ma jieħdux *dividend*. Tgħid li hu qatt ma kkummenta dwar il-fatt li ma jsirux *meetings* tas-soċjeta\`. Tgħid li taħseb li huwa *accountant* kwalifikat. Tgħid li jekk il-konvenuti li mhumiex diretturi jitolbuha *management accounts* hi tagħtihomlhom. Tgħid li ma tafx x'hinu *profit and loss account* u li returns tal-*Income Tax* mhux qed isiru. Tgħid li ma tafx hux tintbagħat *annual return* lir-*Registrar of Partnerships*.

Tispjega li hi tlaħħaq max-xogħol involut fil-bejgħ u mal-fatt li hi direttriċi tas-soċjeta\`. Tgħid li l-fondi li jibqa' wara li jieħdu l-pagi, qed jiġu investiti f'merkanzija għaliex ma jistgħux jiġu depożitati fil-bank minħabba sekwestri ġudizzjarji. Tgħid li l-kontroll tal-flus hu f'idejha u f'idejn oħtha Josephine Debattista u ma jafdaw lil ħadd aktar. Tispjega li meta jkollha bżonn tkellem lill-*accountant* iċċempillu u jiġi fil-ħwienet.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tagħha hi tgħid li meta isir bejgħ *on credit* il-proċedura kienet li x-xerrej jiffirma fuq l-invoice u kienu jinżammu f'file għalihom, liema file qiegħed fil-pussess tagħha. Din il-proċedura kienet tiġi segwita anke fiż-żmien meta l-atturi kien għadhom diretturi. Tgħid li dan il-metodu kien isir minn Emanuel Debattista, d-dokumenti kien jgħaddihom lil John Debattista li kien idum ma jgħaddihomla u jgħid li Emanuel Debattista jdum ma jagħtihomlu. Tispjega li kienet titlobhom sabiex tkun tista tibgħat ir-reminders għal ħlas.

Tgħid li ma tafx Anthony Debattista kellux propjeta\` tal-kumpanija fil-pussess tiegħu u li hi qatt ma kkonsenjatlu propjeta\` u li ma tafx xi direttur ieħor kienx ikkonsenjalu xi propjeta\`.

Tgħid li l-ktieb tad-*daily sales* qiegħed għandha fil-ħanut. Tgħid li hi bdiet tieħu ħsieb in-negozju meta telqu l-atturi fl-1988.

Tispjega li wħud mill-istores tal-kumpanija huma antiki u oħrajn relattivament ġodda. Tgħid li post minnhom għandu s-saqaf joqtor u x'aktarx perikoluż u normalment jservi bħala passaġġ. Tgħid li l-kontendenti kollha kienu jixtru l-merkanzija mingħand il-kumpanija u jħallsu tagħha. Tgħid li ċ-ċwievet tal-istores normalment ikunu għand oħtha Josephine Debattista fid-dar ta' missierha. Tispjega li jkunu jew f'idejha jew għand oħtha. Tgħid li ma tafx lil Marixxal Albert Scicluna min tah iċ-ċwievet meta sar il-mandat ta' deskrizzjoni. Tgħid li lill-oħtha ratha kemm -il darba ma dan il-Marixxal u l-esekuzzjoni tal-mandat damet sejra xi xhar u nofs. Tgħid li ġieli kienu jkunu preżenti wkoll l-atturi u l-konvenut Anthony Debattista.

Tgħid li llum l-bejgħ qed isir kemm bl-imnut u kemm bl-ingrossa u kienet tiġi addottata l-istess proċedura ta' bejgħ cash jew on credit. Tispjega li hi ftit li xejn kienet titla\` fl-imħażen. Tgħid li fil-ħanut inkluż il-bitħa u taħt it-taraġ, hi kienet responsabbli għal kollox u għal xejn. Tgħid li kemm ilha direttriċi hi sar *stock taking* f'Ġunju ta' kull sena u l-aħħar wieħed kien sar f'Ġunju li għadda (ix-xhieda ingħatat f'Mejju tal-1991). Tgħid li għadha tal-fehma li r-records tal-bejgħ ma tirrilaxxhomx.

Fl-affidavit tagħha (maħluf fis-17 ta' Marzu 1997) tgħid li dejjem ħadmet mal-kumpanija Innag bħala *salesgirl* fil-ħanut Johnsons li jinsab f'41 f'Xatt l-Imsida. Il-

fergħa l-oħra u ċioe` il-*wholesale* kienet tinsab f'39 Dock Street li kien jinfed mal-imħażen kollha li kienu jinkludu l-merkanzija kollha kemm dik importatha u kemm dik mixtrija lokalment.

Tgħid li r-raġel tagħha, Manwel Sammut, kien daħal jaħdem mal-kumpanija bħala delivery man u l-flus kollha li jiġbor kien jgħaddihom lil Anthony Mallia. Il-merkanzija li kien jittrasporta kienet dejjem tiġi ċċekjata minn Emanuel, John, Anthony Debattista jew Anthony Mallia. Tgħid li kien jissaporti tgħajjir kbir minn Emanuel Debattista sakemm fl-aħħar telaq. Tispjega li minkejja li kienu tnejn jaħdmu mal-kumpanija, xorta kienu jirċievu paga waħda.

Tgħid li hi u Josephine kienu jixtru l-merkanzija regolarment sakemm kien deċiż li m'għandhomx jixtru aktar merkanzija. Tispjega li fl-1985, hi telqet l-Awstralja ma familtha. Tgħid li meta ġiet lura reġgħet bdiet taħdem mal-kumpanija.

Tgħid li Anthony Mallia telaq għax beda jara nuqqas ta' serjeta` minn xi wħud mid-diretturi. Tgħid li meta bdew imexxu John u Emanuel, l-intenzjoni tagħhom kienet li jneħħu lilha u lil Josephine u saħansitra kienu offrewla ħamsa u għoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) tas-sehem tagħha, liema offerta hi kienet irrifjutat. Tgħid li minn dakinhar pruvaw ikeċċuha fuq serq iżda ma rnexxilhomx.

Tgħid li darba s-Sibt inqala` disgwid u wara li ġiet imsawtha minn John u Emanuel, Emanuel kien sejjaħ lil Anthony Debattista sabiex naqsmu u nxolju l-kumpanija.

In kontro-eżami (3/04/1997) tikkonferma li llum l-kumpanija għandha żewġ diretturi biss u ċioe hi u oħtha Josephine Debattista u dan sa minn Jannar tal-1993, fl-aħħar laqgħa ġenerali li saret. Tikkonferma li minn dak iż-żmien ma sarux *general meetings* tal-kumpanija u lanqas ma tqassmu profitti. Tgħid li dejjem għamlu l-*income tax* u l-awdituri jieħdu ħsieb il-kotba. Tgħid li lill-azzjonisti ma jagħtuhomx informazzjoni biex japprovaw il-kontijiet. Tgħid li bħala diretturi għandhom id-dritt japprovaw il-formoli tal-*income tax* mingħajr il-kunsens tax-*shareholders.*

Mistoqsija jekk *Johnsons Stores* huwiex *business* tajjeb ħafna, tgħid li tajjeb ħafna jekk tkun kapaċi tagħmlu hekk u hi tagħmel l-aħjar tagħha u jaħdmu sigħat twal ħafna. Tgħid li l-bejgħ isir mill-ħanut biss u l-merkanzija tinżamm fil-ħanut u fl-imħażen, u ċioe 38, 40 u 41 f'Xatt l-Imsida, 13, Marina Street Pieta u 39, Dock Street. Tgħid li x-xogħol li jibiegħ minn *Johnsons Stores* huma tal-kumpanija biss.

Tikkonferma li l-*accountant* tal-kumpanija huwa Eric Brimmer u l-*accounts* iżommhom hu. Tgħid li d-deċiżjoni li jitqabbad hu ttieħdet minnha u minn oħtha meta ħadu l-kontroll fl-1988.

Tispjega li hi u oħtha ma jsejħux *general meetings* minħabba li ħuthom is-subien aggressivi ħafna u jaslu li anke jsawtuhom u għalhekk ma tissugrax li tagħmel dan. Tgħid li *accounts* qatt ma tawhom biex ma jersqux lejhom minħabba li huma aggressivi. Tikkonferma li informazzjoni fuq il-kumpanija lill-atturi ma tingħatax.

Tgħid li l-*accountant* jieħu ħsieb li kollox ikun konfirmi mal-liġi u kemm hu u kemm l-awdituri qegħdin jmexxuhom tajjeb u għandha fiduċja fihom.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda (27/01/1998) tgħid illi s-sitwazzjoni tal-kumpanija ma ġietx affetwata meta miet missierha għax kien begħlhom kollox f'ħajtu. Tgħid li fil-preżent hi u oħtha Josephine qegħdin ibiegħu u jixtru mill-ħanut wieħed. Tikkonferma li hemm involuti hi u oħtha Josephine biss u li huma biss diretturi. Tgħid li kienu għamlu *shareholders meeting* u keċċew lill-atturi minn diretturi tal-kumpanija. Tgħid li llum jippruvaw li ma jkollhom dejn xejn.

Tispjega li s-sistema fil-preżent hija li jordnaw hi u oħtha u minn barra ma jġibu xejn. Tikkonferma li m'għadhomx jimportaw minn barra. Tispjega li kollox jiġi mħallas *cash* minħabba li żammewlhom kollox il-banek. Tgħid li l-introjtu mill-bejgħ jitpoġġa għalih u hemm l-awdituri. Tgħid li kull *sale* jiddaħħal fil-*cash register*. Tikkonferma li m'għadhomx ibiegħu *wholesale*. Tgħid li l-propjeta tal-kumpanija hija kollha f'idejha u f'idejn oħtha. Tgħid li *stock taking* isir darba fis-sena.

Tispjega li ftit wara li kienu ġġieldu mal-atturi darba minnhom sabu ħafna katnazzi kullimkien u hi u oħtha qalawhom. Dan sar biex ikunu jistgħu ikomplu jinnegozzjaw.

Mistoqsija dwar l-allegazzjoni li nbiegħu affarijiet bi prezzijiet redikoli tgħid li dan mhux minnu u dejjem għamlu l-aħjar li setgħu għall-kumpanija. Mistoqsija dwar l-allegazzjoni li tali bejgħ sar lil Anthony Debattista tgħid li mhux minnu. Mistoqsija dwar l-allegazzjoni li ddaħħal terz fl-irwol ta' *managing director* tgħid li dan mhux minnu lanqas. Dwar l-allegazzjoni li ġew rrifjutati dħul fil-ħanut l-awdituri tgħid li dan mhux minnu u li l-unika awdituri li ġew kienu tal-Gvern u tħallew jagħmlu *stock taking.* Tikkjarifika li dan kien il-Marixxal meta ezegwixxa l-Mandat ta' Deskrizzjoni.

Tgħid li hi u oħtha stinkaw tul dawn l-aħħar snin sabiex il-*goodwill* tal-ħanut ma tinġiebx fix-xejn. Tispjega li hu l-*wholesale* li nġieb fix-xejn minħabba li ma tkompliex minħabba li ma setgħux ilaħħqu miegħu wkoll.

Mistoqsija dwar l-allegazzjonijiet li twettqu atti frawdolenti biex il-propjeta` tal-kumpanija tiġi amministrata ħażin u tinħela, hi tgħid illi l-propjeta` jibżgħu għaliha u qalgħu l-arloġġi tad-dawl għax kienu qegħdin jinħarġu ħafna flus bla bżonn.

Tgħid li hi u oħtha ilhom juru x-xewqa li l-kumpanija tiġi xolta iżda huma l-atturi li ma jridux. Tikkonferma li għandha sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) fil-kumpanija. Tgħid li taqbel li l-kumpanija tispiċċa u jiġi trattat kulħadd xorta fejn kulħadd jieħu ndaqs.

In kontro-eżami tikkonferma li wara li telaq Anthony Mallia, l-atturi baqgħu diretturi għal madwar sena. Tikkonferma li f'dan iż-żmien sar rapport li l-atturi kienu serqu ħamsin elf Liri Maltin (Lm50,000). Tgħid li dan minħabba li ħuha Anthony Debattista kien rahom sejrin il-bank b'pakkett iżda tikkonferma li hi qatt ma rat il-kontenut tal-pakkett.

Tgħid li minn meta bdew jieħdu ħsieb tal-kumpanija hi u oħtha qatt ma sejħu *general meeting* minħabba li ħutha aggressivi u l-unika *meeting* li sar kien meta tneħħew l-atturi minn diretturi. Tgħid li f'dik il-laqgħa kienu ġabu xi nies magħhom bħala *proxy* u dan apparti l-avukati tagħhom. Tgħid li ma sarux aktar *meetings* minħabba serje ta' atti vjolenti li saru fuqha u fuq oħtha, kif ukoll fuq bintha. Tgħid li dwar dawn l-atti qatt m'għamlet rapport lil pulizija.

Tgħid li fl-aħħar sena ġie appuntat l-*accountant* Gordon Gruppetta u jżomm rendikont ta' kollox hu. Tgħid li l-kotba tal-kumpanija jinżammu fl-uffiċju li jinsab fin-numru 39 f'Xatt l-Imsida.

Tgħid li mill-1988 'l hawn qatt ma tqassmu *dividends* jew salarji lill-atturi u lanqas lill-konvenuti l-oħra. Tgħid li hi u Josephine ħadu biss l-pagi. Tgħid li hi dejjem ħadmet fil-ħanut de quo biss u kull mezz t'għixien dejjem kien marbut m'Innag Household Limited. Tikkonferma li la hi u lanqas żewġha ma qatt kellhom *business* li jikkompeti mal-kumpanija. Tgħid li qatt ma kellha l-intenzjoni li tespandi n-negozju tal-kumpanija. Tgħid li xtraw propjeta` ġewwa l-Imsida mill-flus ta' żewġha sabiex jaħsbu għal negozju għal uliedhom. Tgħid li dan in-negozju m'għandu xejn x'jaqsam mal-kumpanija.

Tikkonferma li hemm merkanzija li qegħda titqiegħed fi propjeta` personali tagħha jew ta' Josephine minħabba li din tinsab biswit il-ħanut u huwa aktar faċli għalihom, li qegħdin jikbru fl-eta`, sabiex jiffrankaw l-iskariċċ.

Fix-xhieda tagħha **Vincenza Sciberras għan-nom ta' Mid Med Bank l-Imsida** tgħid li l-kumpanija Innag Household Limited għandha kont wieħed f'dan il-bank li huwa *current account*. Ippreżentat l-istatements mid-19 t'April 1988 sa dakinhar tax-xhieda, 5 t'Ottubru 1995, liema statement il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom. Tispjega li l-imsemmi kont huwa l-unika wieħed u ma taf xejn aktar.

Fix-xhieda tiegħu **Joseph Grech għan-nom tal-Bank of Valletta** jgħid li l-kumpanija Innag Household Limited għandha *current account* bin-numru 1490076001/2 li jaħdem bi kreditu u li l-bilanċ fih huwa ta' ħamsa u erbgħin Liri Maltin (Lm45). Jispjega li r-records tiegħu jmorru lura sal-1991 (data tax-xhieda hija 5 t'Ottubru 1995). Jispjega li qabel kien hemm *current account* ieħor bin-numru 492110434. Jispjega li hu fil-fatt l-istess kont iżda nbidillu n-numru. Jgħid li fl-aħħar snin ma sarux transazzjonijiet mill-imsemmiha kumpanija. Jgħid li l-ħanut Johnsons Stores ma jużax faċilitajiet tal-bank.

Fix-xhieda tiegħu **Joe Agius għan-nom tas-Central Bank** jgħid li l-bank ċentrali m'għadda l-ebda transazzjoni tal-kumpanija Innag Household Limited minħabba li huma mhumiex bank kummerċjali. Jgħid li transazzjonijiet li jgħaddu minn għandhom ikunu każijiet rari ħafna bħala ta' *spot buying* iżda f'dan il-każ ma kienx hemm.

Fix-xhieda tiegħu **John Debattista** jgħid li f'Ottubru 1988 kien mar jara l-*cash register* tal-ħanut u sab li l-bejgħ ta' lejliet kien miżeru u flus kontanti kien sab biss disgħa u tletin Liri Maltin (Lm39) mentri meta għadda l-kontijiet li ddaħħlu l-ammont kien differenti u kien hemm tliet mija u sittin Lira (Lm 360) neqsin. Jgħid li meta qal lil Carmen din bdiet tgħidlu li hu żbaljat. Jgħid li imbagħad sabet xi karti u qalet li ma kinitx niżlithom iżda jgħid li dawn il-karti kienu ta' qabel u kienu diġa mmarkati minnu bl-inizjali GD. Jgħid li in segwitu għal dan inqala disgwid bejnu, Carmen u Josephine, li kienet ukoll fil-ħanut u ġew fl-idejn. Jgħid li ftit wara ġie ħuħ Manwel u qallu sabiex ixolju l-kumpanija għax beda jħossu ingannat. Jispjega li l-*cash register*

kienet timmarka ħafna *zeros* li kien ifisser li infettħet. Jgħid li in segwitu għal dan hu u ħuħ Emanuel bdew idaħħlu x-xogħol minn barra għal ġewwa biex jagħlqu l-ħanut u ċemplu lil ħuhom Anthony Mallia. Jgħid li Anthony l-ewwel beda jgħin lilhom, imbagħad beda jerġa joħroġ ix-xogħol, imbagħad sparixxa. Jgħid li sadanittant l-aħwa l-bniet bdew jerġgħu joħorġu x-xogħol. Jispjega li mbagħad hu u ħuħ telqu u bdew jitkellmu dwar ix-xoljiment tal-kumpanija.

Jgħid li wara kienet saret laqgħa sabiex isir katnazz f'kull garaxx u sabiex jinfetħu riedu jkunu tnejn ħalli jinżamm rendikont ta' kull ma joħroġ. Jgħid li dawn kienu bdew isiru imbagħad darba minnhom kien qiegħed jagħlaq u Josephine tagħtu daqqa bil-katnazz f'rasu u minn hemm ma baqas jissogra. Jgħid li darba oħra sab katnazz minnhom maqtugħ u kienu naqsu siġġijiet u *clothes airers*.

Jgħid li in segwitu għal dan, f'Diċembru tal-1988 sar *Annual General Meeting* fejn hu u ħuħ Emanuel tneħħew minn Diretturi. Jgħid li meta ġara hekk għamel Mandat ta' Deskrizzjoni, liema Mandat dam ġimgħat għaddej mill-Marixxall Albert Scicluna. Jgħid li matul li kien qiegħed jiġi esegwit il-mandat kien hemm merkanzija li kienet qiegħda tiġi mċaqalqa minn garaxxijiet li kien għadhom ma sarux għal dawk li kienu diġa saru. Jgħid lil hu kien ġibed l-attenzjoni tal-Marixxall dwar dan. Jgħid li meta hu u ħuħ Toni kellmu lil Carmen għax sabu merkanzija li kienet tmexxiet qalet li Johnny kien mexxieha. Jgħid li wara li sar il-Mandat hu u ħuħ Leli kienu joqgħodu fil-karozza ħdejn il-ħanut u jimmarkaw x'inbiegħ u n-numri tal-karozzi li jieħduhom. Jgħid li din waqqfu jagħmluha meta ħuħ Leli ġie mhedded minn ħuhom Toni u saħansitra ġew mitlubha jitilqu mill-pulizija wara li sar rapport fil-konfront tagħhom.

Jispjega li darba qabdu borza taż-żibel b'għadd t'invoices ta' Johnsons imqattajn fiha u jgħid li kienu qed jinbiegħu l-affarijiet mingħajr ma jiġu reġistrati u l-fllus ma jafx x'kien qed jiġri minnhom. Jgħid li r-raġel ta' Carmen, Billy Sammut, kien delivery man mal-kumpanija u kien jiffirma l-karti għalihom, joħorġu l-flus u qatt ma jaraw l-merkanzija.

Jgħid li wara Ottubru 1988 hu ġie arrestat u mressaq il-Qorti. Jgħid li l-kawża hija deċiża u kien ġie illiberat. Il-kawża kienet tirrigwarda serq ta' kristall u ta' flus. Jispjega illi meta x-xhud kien qed jieħu ħsieb il-kotba Tony Mallia kien għamel karta li Edward Licari jew il-kumpanija Etna kellhom jirċievu somma ta' ħamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm35,000) iżda fil-verita` il-kumpanija ma kellhiex tagħti dak l-ammont ta' flus iżda kien hemm biss valur ta' tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) pendenti li ma kienx ser jitħallas qabel tiġi solvuta kwistjoni li kienet tirrigwarda xi fliexken tal-ilma. Għalhekk dak iż-żmien l-aħwa kienu ftehmu bejniethom li jneħħu mill-maħżen tal-kumpanija ammont ta' kristall sabiex jiġi kopert l-ammont ta' ħamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm35,000) u b'hekk jiġu jidhru li m'għandhom jagħtu l-ebda flus, minħabba raġunijiet ta' *income tax*. Jgħid li dak iż-żmien ir-relazzjonijiet bejn l-aħwa kienu tajbin ħafna. Jispjega li l-kristall kienu mexxewħ f'maħżen fl-Imqabba. Jispjega li l-akkuża fil-konfront tiegħu kienet li l-kristall kien serqu hu mentri kienu ftehmu bejniethom x'kellu jsir. Jgħid li damu madwar tliet ġimgħat biex ħarġu l-kristall kollu.

Jgħid li fir-rigward tas-sehem tiegħu fil-kumpanija, il-konvenuti kienu jgħidulu li ma jridu jagħtuh xejn. Jgħid li minn Ottubru tas-sena 1988 'l quddiem qatt ma sar *General Meeting*. Jgħid li l-accountants li kellhom, Zammit Tabona, qatt ma ġew msejjħa u xehdu li qatt ma ġew mgħajjta. Jgħid li qatt ma ġie infurmat b'xi *accountants* ġodda u li qatt ma raw *accounts*, saħansitra lanqas ta' qabel l-1988

għax kienu qegħdin fl-uffiċju. Jgħid li meta ġie arrestat, l-Ispettur Ellul Bonici kien ħa l-kotba tal-kumpanija. Jgħid li saret ukoll tfittxija fid-dar tiegħu iżda kull ma kien hemm kienu *invoice books* ġodda li kien għadhom vojta. Jgħid li l-kopji tiegħu tar-rapporti tal-*accountants* kienu fl-uffiċju tal-kumpanija minħabba li Tony ma kienx iħallihom jeħduhom.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda jgħid li hu ġie arrestat fil-15 ta' Diċembru 1988. Jgħid li mill-uffiċji tal-kumpanija l-Ispettur Ellul Bonici kien ħa kopji tal-*annual audit* tal-aħħar sena magħmul minn Norman Spiteri. Jgħid li minn dakinhar dawn id-dokumenti ma jafx x'sar minnhom.

Fix-xhieda tiegħu **l-Ispettur Kevin Ellul Bonici** jgħid illi hu kien prosekutur fil-kawża kriminali li kienet saret fil-konfront tal-atturi deċiża f'Diċembru tal-1993. Jispjega li l-każ beda meta rċievew *letter of complaint* datata 14 ta' Diċembru 1988 minn erba' *shareholding directors* ta' Innag Household Limited u ċioe Anthony Debattista, Anthony Mallia, Josephine Debattista u Carmen Sammut. Jgħid li dokumenti ma ġabarx mill-pusess tal-atturi u lanqas oġġetti. Jiftakar li kien hemm kotba li ma kinux miżmuma tajjeb u għalhekk kienu kellmu lill-awdituri. Jgħid li ma jiftakarx x'kotba kien hemm, li jiftakar kien li ra xi karti fl-uffiċju. Jgħid li milli jiftakar anke l-karti ħallew hemm minħabba li imbagħad ħallew f'idejn l-awdituri. Jgħid li l-Ispettur Mamo kien aktar 'l quddiem ħa pussess tal-merkanzija li kienet allegatament misruqa.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu (17/10/1996) jgħid li hu ma jiftakarx u m'hemm l-ebda notament li ttieħed senter mid-dar jew mill-pussess ta' Emanuel Debattista. Qara r-rapport datat l-14 ta' Diċembru 1988 fejn l-erba' azzjonisti ta' Innag Household Limited u ċioe Anthony Debattista, Anthony Mallia, Josephine Debattista u Carmen Sammut kienu allegaw li ż-żewġ azzjonisti l-oħra u ċioe John Debattista u Emanuel Debattista kienu serqu flus fl-ammont ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) u merkanzija mill-fond 31 Xatt l-Imsida li kienet tikkonsisti fi kristiall Ungeriż li kien jiswa bejn tletin u ħamsin elf Liri Maltin (Lm30,000 – Lm50,000). Skont ir-rapport tali serq kien sar qabel l-*istocktaking* li sar f'Ġunju u Lulju tal-1988.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu (08/05/1997) jirrileva li kien ġie elevat *shotgun* mill-pussess ta' John Debattista u mija u żewġ (102) *cash sale books* tal-kumpanija Innag Household Limited.

L-attur **Emanuel Debattista,** fl-ewwel affidavit tiegħu jgħid illi hu u ħutu John, Anthony, Josephine u Carmen u ċertu Anthony Mallia ffurmaw il-kumpanija Innag Household Limited. Jgħid li kienet ix-xewqa ta' missieru li jiġi nvolut Anthony Mallia sabiex ikun jista jmexxihom. Jgħid li Josephine u Carmen kien nkarigati mill-bejgħ tal-affarijiet mill-ħanut "Johnsons" f'Xatt l-Imsida, John u Anthony Debattista kienu inkarigati mill-manifattura ta' saqqijiet, cushions eċċ, filwaqt li hu kien inkarigat mid-deliveries u Anthony Mallia kien xogħolu fl-uffiċju tal-kumpanija. Jgħid li l-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi kienu jsiru sempliċiment bħala rubber stamp ta' dak li kien jiddeċiedi Tony Mallia. Jgħid li meta żżewġet Carmen, Anthony Mallia kien neħħieha minn direttriċi mingħajr ma l-aħwa l-oħra kienu jafu. Jgħid li meta kien jistaqsi lil Anthony Mallia dettalji dwar introjtu tan-negozju, dan ma kienx iwieġbu. Jgħid li Anthony Mallia kien isiefer hu personalment għal kull ordni u meta kien iqajjem l-

ilment jew kienu jduru l-aħwa l-oħra kontrih jew Anthony Mallia kien jevitah għal xi żmien.

Jgħid li darba kellu disgwid mar-raġel ta' Carmen, Leli Sammut, li kien impjegat magħhom bħala *delivery man* iżda dan mhux talli ma tkeċċix, talli beda jitla` għall-laqgħat mad-diretturi l-oħra.

Jgħid li l-financial statements qatt ma tħalla jarahom sa wara li telaq Tony Mallia għax dan kien jgħidlu li jibża` li jagħtihom f'idejn ħaddieħor minħabba li ma kienx jaf jaqra. Jgħid li hu prova jneħħi lil Tony Mallia minn direttur wara li kien infurmah li ma kienx ser ikompli bħala direttur għax ried jiftaħ għal rasu u dana wara li kien innota ċertu irregolaritajiet fil-kumpanija. Jgħid li Tony Mallia baqa direttur iżda niżel il-ħanut Johnsons Stores minflok baqa fl-uffiċju. Jgħid li meta telaq Tony Mallia ma kienx ħalla flus tal-pagi għalih u għal ħuħ John Debattista, filwaqt li Josephine u Carmen kienu tħallsu, u kienu naqqsu xi flus oħra apparti li kien hemm kont ta' safar li ma tħallasx.

Jgħid li wara li telaq Anthony Mallia tqabbad ċertu Eric Brimmer sabiex jieħu ħsieb il-karti u meta mistoqsi kienx hemm żballji qal li kien hemm xi żballji li kien ħa ħsiebhom iżda ma reġgħux semgħu mingħandu għalkemm kien ġie l-ħanut u kellem lil ħut l-attur l-bniet. Jgħid li wara kien tqabbad Lawrence Camilleri sabiex jipprepara l-karti sabiex tingħalaq is-sena. Jispjega li John kien talab lil Carmen sabiex tgħin fil-karti u John kien wiegħda żieda jekk tgħin fil-karti. Jgħid li sar jaf li xtrat dar li l-flus għaliha ħadithom mill-kumpanija u meta jien insistejt li l-flus jitħallsu lura Carmen ma ħamlitux aktar.

Jgħid li meta Anthony Mallia kien isib flus neqsin mill-*cash register*, ħadd ma kien jagħmel tajjeb għalihom iżda kienet tbatihom il-kumpanija. Iżda meta kien jiġi mid-deliveries b'xi nuqqas ta' flus kien ikollu joħroġhom minn butu. Jgħid li meta Anthony Mallia kien jirrifjuta li jixtri xi ħaġa għall-ħwienet, kienet toħroġhom Josephine imbagħad kienet teħodhom lura ftit ftit mill-*cash register*. Jgħid li meta kien jinsteraq xi stock minn fuq il-bankina ħadd ma kien jinduna u jagħti rendikont tal-istock. Jgħid li l-flus tal-kumpanija kienu jinżammu f'kaxxa tal-ħadid taħt it-taraġ tal-ħanut u darba minnhom din insterqet. Wara din l-okkażżjoni bdew jinżammu f'basket fid-dar ta' missieru fejn kienet toqghod Josephine.

Jgħid li meta Anthony Mallia ma baqgħax direttur u daħlet Carmen bħala direttriċi kien hemm żmien li din kienet ser tbiegħ sehma fil-kumpanija u kienu offrewlha s-somma ta' erbgħin elf Liri Maltin (Lm40,000) għas-sehem tagħha u kienu anke lesti jħallsu sa sittin elf Liri Maltin (Lm60,000). Jispjega li darba s-Sibt hu u Josephine kienu xogħol f'Johnsons Stores u inqala argument bejn John u Carmen u in segwitu għal dan hu u John bdew idaħħlu l-affarijiet ġol-ħanut biex jagħlquh filwaqt li Josephine u Carmen bdew jerġgħu joħorġuhom. Jgħid li kien ċempel lil Anthony Debattista sabiex ixolju l-kumpanija u dan ġie u beda jdaħħal l-affarijiet magħhom. Biex ma tkomplix tikber huma telqu u jgħid li sabu ruħhom barra filwaqt li l-oħrajn baqgħu imexxu l-kumpanija.

Fit-tieni affidavit tiegħu jgħid illi fuq parir tal-avukati tagħhom, wara li telqu mill-kumpanija baqgħu jagħmlu l-għassa biex ikunu jafu x'qed jiġri u dana billi kienu joqgħodu fil-karozza pparkjata quddiem il-bieb. Jgħid li osservaw li ma kinux qed

jingħataw irċevuti, li Anthony Debattista kien jgħabbi x-xogħol u jitlaq bih u li beda jsir bejgħ biss mingħajr ma jiżdiedu stock fl-imħażen.

Jgħid li wara laqgħa li saret bejn il-partijiet ġie miftiehem li kull bieb ikollu żewġ katnazzi biex ikun hemm kontroll ta' x'qiegħed jittieħed iżda dawn ġew abbużivament maqtugħin minn Carmen Sammut, Anthony Debattista u Josephine Debattista, ripetutament. Jgħid li kienet anke ttieħdet merkanzija li kienet għadha kemm inxtrat u fil-fatt il-Marixxal li kien qiegħed jesegwixxi l-Mandat ta' Deskrizzjoni kien sab il-maħżen partikolari vojt.

Jgħid li in segwitu għal dan hu u John kienu ġew arrestati fuq kwerela magħmulha mill-konvenuti. Jgħid li l-Ispettur Ellul Bonici kien ġabar *attache case* bid-dokumenti u żewġ files fuq ismu u fuq isem ħuħ John.

Jgħid li darba waqt laqgħa bejn il-partijiet talab li jsir *stock-taking* u Carmen Sammut ma kinitx aċċettat minħabba l-ħlas u kien saħansitra offra li jħallas hu iżda xorta waħda baqgħet m'aċċettatx. Jgħid li kienu talbu lill-Awdituri tal-kumpanija Zammit Tabona & Co sabiex jagħmlu l-*stock taking* iżda Carmen Sammut kienet irrifjutat li ddaħħalhom.

Jispjega li anke lil Marixxal kienu pruvaw li ma jdaħħlux u ħallewh jidħol biss la darba qalilhom li kellu s-setgħa mill-Qorti li jisgassa. Jgħid li meta kien qed jiġi esegwit il-Mandat ta' Deskrizzjoni, Anthony Debattista kien ikun fil-ħanut u kien wera lil Marixxal xogħol li kien ġie moħbi minn Carmen Sammut u Josephine Debattista. Jgħid li meta ġew affrontati dwar dan mill-Marixxal, dawn qalu li kien John Debattista li mexxa x-xogħol li fil-fehma tiegħu ma setax kien. In segwitu għal dan saret laqgħa fejn hu u John ġew mneħħiha minn diretturi tal-kumpanija u minn hemm waqqfu jagħmlu l-għassa.

Jgħid li minn meta tneħħa minn direttur qatt ma ġie msejjaħ għal xi *annual general meeting* tal-azzjonisti u lanqas qatt ma rċieva xi dokumenti relatati mal-kumpanija jew tagħrif ieħor. Jgħid li Carmen Sammut irrifjutat ripetutament li tagħtih tagħrif.

Il-konvenut **Anthony Mallia** fl-affidavit tiegħu jgħid li hu kien miżżewweġ lill-oħt l-atturi u l-konvenuti l-oħra. Jgħid li missier il-mara kien jiġġestixxi l-ħanut fl-Imsida bl-isem *Johnsons Stores* u kienet ix-xewqa tiegħu li jgħaddi dan in-negozju f'idejn uliedu u li hu jidħol fi sħab magħhom. B'hekk fl-1976 inħolqot il-kumpanija Innag Household Limited fejn hu u ħut martu kienu lkoll azzjonisti u diretturi. Jgħid li f'dak iż-żmien kienu saru valutazzjonijiet, minn perit u awdituri, tal-fondi kummerċjali u l-istock eżistenti.

Jgħid li meta l-kumpanija bdiet tiffunzjona lkoll kellhom l-irwoli tagħhom u ċioe hu u John Debattista kienu jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni, Emanuel Debattista kien jieħu ħsieb id-deliveries, Anthony Debattista kien inkarigat mill-*wholesale outlets*, filwaqt li Josephine Debattista u Carmen Sammut kienu responsabbli mill-ħwienet fl-Imsida.

Jgħid li fil-bidu kien jinxtara l-istock u jinbiegħ fil-ħwienet u wara l-kumpanija bdiet anke timporta ċerta merkanzija. Jgħid li maż-żmien bdew diversi piki bejn l-aħwa li eventwalment eskalaw u kienu anke ma jitkellmux u anke rriżultaw fi vjolenza. Jgħid

li hu kien jipprova imexxi b'mod professjonali u kien jipprova jlaqqa` l-Bord tad-Diretturi sabiex jiddiskutu l-qagħda tad-ditta.

Jgħid li fl-1986 kien talab li jirriżenja minn direttur u jibqa biss bħala impjegat tal-kumpanija u dan kien minħabba diżgwid li kellu mal-attur Emanuel Debattista rigward xogħol ta' ħġieġ. Jgħid li sa Lulju tal-1987 baqa jaħdem mad-ditta iżda wara telaq għal kollox minħabba l-atmosfera ta' ġlied. Jgħid li tneħħa uffiċjalment minn Direttur fis-6 ta' Jannar 1988. Jispjega li minn meta telaq, qatt ma pparteċipa f'xi attivita` tal-kumpanija jew resaq lejn l-azjenda u attenda biss laqgħa ġenerali waħda.

Jgħid li ma kellu l-ebda *handover* x'jagħti u dana stante li l-flus tal-kumpanija kienu jinżammu id-dar ta' waħda mid-diretturi. Jgħid li ma kellu l-ebda propjeta` tal-kumpanija. Jgħid li la darba ma kienx qed imexxi n-negozju mill-1987 ċertament li ma setax kien qed jagħmel dan b'mod frawdulenti u jgħid li hu qatt ma mexa b'dan il-mod, lanqas qabel. Jgħid li meta telaq minn mad-ditta fetaħ negozju għal rasu f'settur li ma kellux x'jaqsam ma dak tal-atturi u l-konvenuti l-oħra.

In kontro-eżami jgħid li fil-fehma tiegħu sakemm telaq hu minn mad-ditta, l-affarijiet kienu mexjin sewwa. Jgħid li r-relazzjonijiet bejn l-atturi u l-konvenuti l-oħra ma kienu tajbin xejn u kienu ta' spiss jgħidu kontra xulxin miegħu. Jikkonferma li *meetings* kienu jsiru regolarment. Jgħidu li il-minuti tal-*meetings* kien jiktibhom hu u kienu jinżammu fl-uffiċju. Jikkonferma li l-i*stocktaking* kien isir kull sena u kien inkarigat minnu John Debattista, li kien jipprepara l-istores imbagħad jinżlu jgħoddu flimkien mal-awdituri. Jgħid li lill-awditur kienu jdawwruh u juruh l-i*stocks* kollha.

Jgħid li l-*meetings* kienu jissejħu skont l-eżiġenza u minn min iħoss il-ħtieġa. Jgħid li l-paperwork tal-kumpanija kien jieħu ħsiebu hu, inkluż il-korrispondenza mad-ditti tal-Ungerija. Jgħid li kien jitla` l-Ungerija fuq merkanzija u ġieli tela` miegħu John, kif ukoll Emanuel. Jgħid li kienu telaw anke f'pajjiżi oħra.

Jgħid li fir-rigward tal-*paperwork* kien idaħħal il-kotba, jara x'bejgħ sar, kif ukoll jipprepara d-dokumenti u jagħti l-informazzjoni lid-diretturi. Mistoqsi dwar il-*cash register* jgħid li kull filgħodu hu u John kienu jiftħu l-*cash register* u jaraw ir-romblu u jqabblu mal-cash, jieħu l-flus u jagħmel nota tal-ġurnata u jtellagħhom l-uffiċju. Fl-aħħar tal-ġimgħa kienu jerġgħu jivverifikawhom hu u John u iwaddbuhom fit-*till* tal-kumpanija. Jgħid li għalkemm ġieli l-ammont ma kienx ikun jaqbel, qatt ma ssusspetta li xi ħadd kien iqarraq. Jgħid li kien jistaqsi dwar id-diskrepanzi u hu u John kienu jkunu kuntenti bl-ispjegazzjoni mogħtija. Jgħid li dawn id-diskrepanza kienu jkunu żgħar.

Jispjega li meta Carmen Sammut siefret l-Awtralja mal-familja kien tal-fehma li ma kellhiex tibqa` direttur minħabba l-loġistika. Jgħid li mill-1988 sa llum (11/03/1997) kien sar *general meeting* wieħed fejn ġew imneħħiha minn diretturi l-atturi. Jgħid li sa llum qatt ma rċieva kopja ta' *accounts*. Jgħid li minn meta telaq qatt ma rċieva dividend. Jgħid li ma jafx il-landament tal-kumpanija kif inhu minn mindu telaq. Jikkonferma li meta telaq hu l-kumpanija kellha assi kemm ta' bini kif ukoll ta' *stock* sostanzjali. Jgħid li dak iż-żmien kien hemm *turnover* sostanzjali. Jgħid li partikolarment il-*wholesaling* kien itella` ħafna qligħ.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-proċess u s-sentenza tal-kawża kriminali deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (malta) fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Emmanuel u John Debattista*' deċiża fil-15 ta' Diċembru 1993, esebita in atti, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fix-xhieda tiegħu Victor Pollacco, impjegat tad-ditta Spiteri, Zammit Tabona & Co jgħid illi l-aħħar accounts u *stock taking* tal-kumpanija Innag Household Limited huma tas-sena 1987. Jgħid li l-eżeċizzju tal-*istock taking* kien għamlu personalment fl-1988 iżda d-dokumenti għalkemm intalbu lil John Debattista ma rriżultawx. Jgħid li minn dakinhar qatt ma reġgħu ġew msejħa jagħmlu *stock taking* (xhieda datata 5 ta' Ġunju 1991).

Anthony Zarb Dimech fix-xhieda tiegħu (datata 15 ta' Ġunju 1993) jgħid illi l-aħħar *annual return* li kien irċieva r-*Registry of Partnerships* tkopri l-perjodu sal-20 t'April 1987. Jgħid li l-uffiċju kien irċieva *annual return* għas-sena 1988 pero kien hemm xi nuqqasijiet u kienet intbagħtet korrispondenza għal xi kjarifiki iżda din baqgħet mhux imwieġba.

Mis-sentenza, l-qorti tikkwota s-segwenti:

> *"Josephine Debattista u Carmen Sammut, żewġ azzjonisti l-aktar li ħadhuha qatta bla ħabel kontra l-imputati, jgħidu li ma kinux jafu f'dan l-ispostament u li sar apposta mill-imputati biex jiġu preġudikati.*
> *Il-Qorti ma jidhrilhix li dan hu l-każ*
>
> *Ommiss*
>
> *Evidentament bejn April u Ottubru 1988 meta tfaqqa l-każ, ir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti marru għall-agħar u mhux eskluża element ta' vendikazzjoni meta sar ir-rapport kontra l-imputati, biex din isservi ta' pressjoni fuqhom u jinqalgħu barra mill-kumpanija. Ma hemmx dubju li kulħadd kien jaf x'inhu jiġri u minħabba r-raġunijiet ekonomiċi ġia msemmija ħadd ma tkellem meta kien il-waqt biex imbagħad ġie ivvintata storja bħal din u l-imputati ttellgħu l-Qorti biex iwieġba għal abbużu li suppost kellhom iwieġbu għalihom l-azzjonista kollha u mhux l-imputati biss."*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-sottomissjonijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet, l-Qorti tislet is-segwenti:

Fis-sottomissjonijiet tiegħu **l-attur Emanuel Debattista** jgħid illi l-artikolu 402(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għall-ħarsien tal-azzjonisti kontra preġudizzju mhux ġust. Isostni li s-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq msemmija uriet biċ-ċar li r-rikorrenti ġie eskluż mit-tmexxija kif ukoll li l-intimati naqqsu milli jħallsu dividends u naqsu wkoll milli jipprovdu kwalunkwe tip ta' awditjar u accounts. Dan kif deher ċar ukoll mir-rapport tal-istralċjarju. Isostni li l-Artikolu 402(3)(f) jipprovdi għal ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tkun ikkaġunat it-telf jew danni.

Isostni li mill-bidu tal-każ sa llum is-sitwazzjoni ma nbidlitx u huwa ċar mix-xhieda li l-konvenuti ma jridu bl-ebda mod jipprovdu l-accounts u r-rendikonti tal-awditjar u dana jmur kontra l-obbligi imposti fuq id-diretturi ai termini tal-artikolu 136A(1) u 136A(2) tal-Kap 386.

Isostni li bil-mod kif twalu dawn il-proċeduri huwa safa` vitma mhux biss ta' bidla fil-liġijiet iżda wkoll tal-fatt li l-*business* ġie *siphoned off* u minkejja li l-kumpanija de quo tista tgħid spiċċawlha l-assi, l-isem Johnsons Store għadu jintuża mill-konvenuti.

Jgħid li r-responsabilita` tal-awditjar hija vestita fid-diretturi hekk kif tenut fl-artikolu 176(1) tal-Kap 386. Isostni li huwa l-obbligu tad-diretturi li jħarsu lil kumpanija milli tagħmel qerq jew ħsara lill-kredituri kif ukoll lill-azzjonisti tagħha li għandhom ikollhom l-interessi tagħhom u l-investimenti tagħhom salvagwardjati.

Fir-rigward tal-obbligu mpost mill-Artikolu 177 tal-Kap 386 jgħid illi l-fatt li ma nstabu qatt records u ma ġew iddepożitati qatt ċifri ta' qligħ matul it-tmexxija tal-konvenuti juri b'mod ċar li hemm interess ta' qerq u li b'mod frawdolenti jieħdu l-qligħ kollu li sar matul dawn is-snin għalihom personali. Isostni li huma l-konvenuti diretturi stess ikkawżaw preġudizzju enormi lill-azzjonisti. Barra minn hekk, isostni li bħala azzjonist sab ruħu f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' kontroll primarjament minħabba l-fatt li qatt ma kien hemm *proper books of account*. Isostni li l-aġir tal-konvenuti diretturi ġie aggravat bil-fatt li l-intimati azzjonisti oħra qatt ma taw każ l-aġir tal-konvenuti diretturi.

Isostni li t-tmexxija mil-konvenuti diretturi kienet waħda li tħares biss l-interessi personali tal-istess diretturi u mhux tal-azzjonisti l-oħra. Jgħid li dan huwa evidenti mill-fatt li għadhom sa llum ma ppreżentawx *proper accounts* mill-1988 sa llum u li llum meta jridu jaqsmu m'għad baqa' kważi xejn minn dak li kien hemm fl-1988. Jgħid, b'referenza għall-artikolu 315(1), 315(2), 314 u 309 tal-Kap 386, illi n-nuqqas għandu jinġarr bejn id-diretturi in solidum u b'referenza għall-ġurisprudenza isostni li fejn it-tmexxija saret b'qerq u kienet waħda frawdolenti, id-diretturi għandhom jirrispondu personalment għat-tali danni.

Isostni li la darba ma jeżistux *accounts* tas-snin mill-1988 sa llum u għalhekk wieħed ma jistax ikun jaf kemm kien l-introjtu tal-istess kumpanija tul is-snin, jeħtieġ li l-Qorti tillikwida kumpens li għandu jestendi *a scaletta* mill-1989 sa llum billi tirrikostruwixxi kwadru ta' qliegħ u dividends mit-tagħrif li għandha quddiemha u ċioe billi tiffissa l-kumpens għall-ewwel sena fl-ammont ta' disgħin elf Liri Maltin (Lm90,000) (ammont imsemmi mill-konvenuti diretturi) u żżidlu miegħu ż-żieda biex tirrifletti l-inflazzjoni ta' ħmistax fil-mija (15%) fis-sena.

Minn-naħa tagħhom il-konvenuti **Carmen Sammut u Alexandra Sammut** jgħidu illi l-ewwel konsiderazzjoni ta' din il-Qorti għandha tkun dwar liema liġi ser tapplika sabiex tirregola l-każ odjern. Isostnu li jekk tapplika l-liġi kif kienet dakinhar u ċioe` l-Ordinanza li kienet il-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta, mela r-raba` u l-ħames talba attriċi jikkonsistu f'azzjoni derivattiva u li l-fatt li l-kumpanija tpoġġiet bl-ebda mod ma jfisser li rriżultaw ir-raġunijiet gravi biżżejjed ai termini tal-artikolu 150(g) tal-Kap 168.

Isegwi għalhekk illi l-Qorti trid tiddeċiedi biss dwar l-aħħar tliet talbiet li huma tentattiv tal-azzjoni derivattiva. Jgħidu li llum din l-azzjoni ġiet sostitwita bl-artikolu 402(3) tal-Kap 386, pero` la darba din l-azzjoni kienet proposta qabel daħlet fis-sehh din il-liġi, l-azzjoni kienet waħda li setgħet tintuża meta jeżistu l-elementi għal dan ir-rimedju.

Jekk kemm il-darba tapplika l-liġi viġenti, irid jiġi kkunsidrat: i) il-mod kif din l-azzjoni derivattiva ġiet proposta legalment jreġix, ii) jekk ireġi, kienux jeżistu l-elementi li jiġġustifikaw l-użu tagħha. B'referenza għall-każ Ingliż fl-ismijiet **Foss vs Harbottle (1943)** isostni li jekk isir preġudizzju lis-soċjeta` hija l-istess soċjeta li tiddeċiedi li trid tieħu passi u sabiex tieħu dawn il-passi jiddeċiedu l-maġġoranza fi ħdan is-soċjeta`. Isegwi li minoranza tista` tressaq l-azzjoni derivattiva jekk kemm -il darba għandek *wrongdoer control.* Isostnu li fil-każ odjern l-azzjoni hija ppreċeduta b'talba sabiex is-soċjeta` titpoġġa fi stalċ u jiġi maħtur stralċjarju, mentri l-atturi kellhom jagħżlu liema azzjoni minn dawn jagħmlu għax waħda tmur kontra l-oħra u għalhekk kellu jkun il-likwidatur li jiddetermina ġrawx l-affarijiet allegati mill-atturi u jieħu l-passi meħtieġa.

Jgħidu li ma setax jeżisti l-element ta' *wrongdoer control* minħabba li l-fatt li l-atturi u l-konvenuti li mhux involuti kellhom il-maġġoranza tal-ishma u l-voti u għalhekk ma jeżistix l-element kruċjali għall-użu tal-azzjoni derivattiva. Jekk wieħed japplika l-liġi kif inhi llum l-azzjoni derivattiva hija regolata mill-artikolu 402(3)(e) tal-Kap 386, isostnu b'referenza għall-kitbiet tal-Profs Andrew Muscat li ma tistax tiġi proposta azzjoni derivattiva f'każ ta' soċjeta` li qiegħda fi stralċ.

Isostnu li la darba bdew il-proċeduri ta' stralċ, il-kumpanija hija rappreżentata mill-istralċjarju u għalhekk l-interess ġuridiku tal-atturi m'għadux preżenti fil-kawża għaliex ġie trasmess fl-ufficcju ta' l-istralċjarju.

Isostnu li mingħajr preġudizzju għal dawn il-konsiderazzjonijiet l-allegazzjonijiet tal-atturi huma infondati u naqsu milli jġibu provi konkreti sabiex jissostanzjawhom u jgħidu li l-kawża tal-atturi hija bbażata biss fuq tfiegħ ta' tajn u attentant sabiex jintefa' kulħadd f'borma waħda u l-provi prodotti mill-atturi juru allegat kompliċita' minnhom stess f'evażjoni fiskali u illegalitajiet oħra.

Barra minn hekk, isostnu li l-atturi naqqsu milli jippruvaw illi huma soffrew xi danni u jgħidu li la darba ma saritx din il-prova, fl-agħar ipoteżi din il-Qorti tista' biss tillimita ruħha għad-dikjarazzjoni biss u dana stante li d-danni ma ġewx maħdumha mill-parti li qed tallega li soffriethom.

Fit-trattazzjoni tiegħu l-attur **John Debattista** jgħid li indipendentament minn liema liġi għandha tapplika għall-proċeduri odjerni, il-kwistjoni tibqa' waħda u ċioe' l-irwol li għandu direttur f'kumpanija u min jista' jindirizza lil Qorti sabiex teżamina dan l-istess irwol. Elenka r-raġunijiet għala l-konvenuti diretturi naqsu milli jonoraw l-obbligi tagħhom bħala diretturi b'mod partikolari n-nuqqas ta' *proper accounts* u *stock-taking*. Isostni li l-attur ma setax jew kienet diffiċilissima ghalih li jġib prova tad-danni li sofra u dana stante li minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tal-konvenuti diretturi, ma seta' qatt ikun jaf kemm verament sofra danni u għalhekk isostni li din il-Qorti trid tkun hi li l-ġudizzju jkun ekwittattiv.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Il-Liġi applikabbli**

Il-Qorti tinnota li l-partijiet trattaw estensivament dwar liema liġi għandha tapplika għall-vertenza odjerna u ċioe' jekk hux l-Att dwar il-Kumpaniji tal-1995, il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jew l-Ordinanza Dwar Soċjetajiet Kummerċjali, il-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie sostitwit appuntu bil-Kap 386.

Jirriżulta li l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-1990 u għalhekk ċertament illi din il-kawza nbdiet taħt ir-reġim tal-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt fit-trattazzjoni tiegħu, John Debattista jgħid li t-talbiet kif dedotti saru b'attenzjoni sabiex jissodisfaw il-liġi ta' dak iż-żmien minħabba li naturalment l-Att dwar il-Kumpaniji kien għadu ma jeżistix.

Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet transitorji kontenuti fit-Taqsima XIII tal-Att XXV tal-1995 u partikolarment l-artikoli 428 u 429 li jistipulaw dak li għandu jkun regolat bl-Att dwar il-Kumpaniji. Jirriżulta li m'hemm l-ebda dubju li l-istralċ li għaddej fil-proċeduri odjerni huwa regolat mill-Att dwar il-Kumpaniji u dana stante d-disposizzjoni transitorja kontenuta fl-artikolu 429 tal-Att XXV tal-1995.

Jibqa' pero` l-kwistjoni tat-tielet u r-raba' talbiet kontenuti fir-rikors promotur. F'dan ir-rigward jirriżulta li m'hemm l-ebda disposizzjoni transitorja li tirregola talba magħmula taħt l-artikolu 130 tal-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali u lanqas ma jirriżuta li hemm disposizzjoni transitorja li tirregola x'għandu jsir b'vertenzi li kienu pendenti quddiem il-Qrati nostrani meta daħal fis-seħħ il-Kap 386.

Il-Qorti tosserva li għalkemm kontenuti fl-istess rikors promotur, it-tielet u r-raba' talba huma kompletament separati mill-ewwel żewġ talbiet li jirrigwardaw ix-xoljiment – u li llum huma eżawriti. Fil-fatt kienet anke l-Qorti stess, anke kif diversament presuduta, li dejjem trattat it-tielet u r-raba' talbiet bħala separati u distinti.

Għalhekk la darba t-tielet u r-raba' talba kif kontenuti fir-rikors promotur huma separati u distinti mit-talbiet li jirrigwardaw l-istralċ u la darba d-disposizzjonijiet transitorji tal-Att XXV tal-1995 huma silenzjużi dwar x'għandu jiġri minn kwistjonijiet pendenti quddiem il-Qrati nostrani mad-dħul fis-sehh ta' dak tal-att, isegwi li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li dawn ukoll jiġu regolati bil-Kap 386 u għalhekk m'hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-liġi li għandha tiġi applikata fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba tar-rikors promotur hija l-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, allura il-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra u tiddeċiedi dwar it-tielet u raba' talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors promotur skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, il-Kap 168 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**<u>Is-sostenibbilita' tal-azzjoni attriċi</u>**

Il-partijiet trattaw estensivament dwar in-natura tal-azzjoni miġjuba mill-atturi f'dawn il-proċeduri u l-Qorti tqis illi hemm kunsens, li l-Qorti taqbel miegħu ukoll, li din hija azzjoni miġjuba mill-atturi bħala *minority shareholders* fil-kumpanija Innag Household Limited.

Uħud mill-konvenuti jsostnu li l-azzjoni mhix tenibbli u ma tistax tinġieb fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk l-azzjoni attriċi kif kontenuta fit-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi hix sostenibli.

Il-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tieghu *Principles of Maltese Company Law* jirreferi għal din il-kwistjoni fid-dettal u primarjament jirreferri għal kawża **Michael J. Falla vs John H. Sorotos** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1976 li kienet tikkonċerna allegazzjoni magħmulha mill-azzjonisti simili għal din tal-kawża odjerna fejn il-Qorti kkonkludiet:

> *An action against the directors based merely on breach of their duties qua directors (which they owe to the company) and no more, is in principle a social (and not an individual) action, directly flowing from the contract of partnership ("kuntratt tas-soċjeta") and exercisable by the company itself.*

B'hekk, il-Professur Muscat jispjega li *"an action in respect of a wrong to a company it is the company and ... only the company that has locus standi as plaintiff... The shareholder has no juridical interest, and therefore no local standi as plaintiff."*

Naturalment, din il-konklużjoni toħloq problema meta d-diretturi tal-kumpanija li jkunu qed jaġixxu b'mod skorrett jieħdu deċiżjoni li l-kumpanija ma tieħux azzjoni legali li tattakka t-tmexxija tagħhom stess. Huwa f'dan l-isfond li għandha tiġi kkunsidrata l-azzjoni derivattiva.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Edgar Bonnici noe vs Oliver Agius et noe,** deċiża fis-6 ta' Novembru 1991, ikkonkludiet li l-azzjoni derivattiva tista' tintuża, iżda jrid jiġi ppruvat li kien hemm *wrongdoer control* li żamm lill-kumpanija milli hi stess tintavola l-azzjoni u jrid jintwera li l-azzjonistipprova jipperswadi lill-kumpanija sabiex jiġu intavolati proċeduri.

Fir-rigward to *wrongdoer control*, il-Professur Andrew Muscat, fil-ktieb fuq riferit, jgħid:

> *"Wrongdoer control exists if the wrongdoer has a majority of the votes or if the majority has in fact approved the wrongdoing or if the company has otherwise indicated that it is not willing to institute proceedings."*

Fil-kawża fl-ismijiet **Mixkuka Limited vs George Mangion noe et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 2003, il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Illi dwar l-ewwel mistoqsija, il-kumpannija attriċi tgħid li l-azzjoni mressqa minnha hija dik magħrufa bħala azzjoni derivattiva li ssir minn azzjonist ta' kumpannija biex issewwi xi inġustizzja li tkun saret lill-*

*kumpannija li tagħha huwa membru (normalment din trid tikkostitwixxi għamil li jqarraq bl-azzjonisti minoritarji). L-azzjoni titressaq minn azzjonist tal-kumpannija f'isimha u dan fejn ma jkunx prattiku li l-kumpannija nnifisha tagħmel dan. Dan iġib miegħu l-effett li l-kumpannija nnifisha tkun parti fl-azzjoni. Awturi magħrufa jżidu jgħidu li "the company must be made a defendant in the action. ... The company cannot, in fact, be the plaintiff, because neither of its organs - the board of directors and the general meeting - will authorise suit by it. As the next best thing, the court insists upon its being made the nominal defendant. So long as the company is a party, judgment can be given in its favour, and any decision in the case becomes res judicata so far as the company is concerned..."[1];*

*Illi f'awturi oħrajn il-qagħda proċedurali korretta dwar azzjoni bħal dik miġjuba 'l quddiem mill-kumpannija attriċi hija mfissra hekk:*

*"The claimant in derivative proceedings will always be the shareholder who seeks to bring the action on behalf of the company. The fact that the company is under the control of the alleged wrongdoers who will not lend the company's name to the proceedings is accordingly not only an essential element in establishing the shareholder's right to bring a derivative claim, but also provides a practical explanation as to why the company does not feature in the proceedings as claimant. However, the company must be made party to the proceedings as a defendant to the claim. ... In addition to the company, there should also be joined as defendants to the proceedings all the parties against whom relief is sought for the wrongs done to the company."* [2]*;*

*Illi jidher li kwestjonijiet ta' din l-għamla qamu wkoll quddiem il-Qrati tagħna, li jidhru li qiesu li azzjoni bħal din tista' ssir fis-sistema legali Malti. F'każijiet li tnisslu qabel ma daħal fis-seħħ l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, kien magħruf li biex tista' titmexxa 'l quddiem l-azzjoni derivattiva l-attur ried juri, qabel kull ħaġ'oħra għas-sudisfazzjon tal-Qorti, li ma kellux rimedji oħrajn x'jieħu jew li, jekk kellu, eżawrihom inutilment*[3]*. F'kawżi li saru wara, ġie aċċettat li azzjonista jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ikollu dritt li jiftaħ kawża biex iħares l-interessi tal-kumpannija li fiha jkollu sehem, ukoll jekk azzjoni bħalha hija normalment tal-kumpannija: u li, f'każ bħal dan, jista' jħarrek fil-vesti personali tiegħu ta' azzjonist lill-istess kumpannija li fiha huwa membru*[4]*. Fil-każijiet kollha, tqies li l-azzjoni derivattiva kienet waħda ta' natura partikolari, u għalhekk kienu japplikaw għaliha regoli mfasslin għan-natura eċċezzjonali tagħha;*

Fil-kawża fl-ismijiet **Alessandro Farrugia et vs John Mercieca et**, deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta fit-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti rreferiet għad-dottrina segwenti:

[1] Gower, Principles of Modern Company Law (3rd Edit.), pp. 590-1; u ara wkoll Farrar & Hannigan Farrar's Company Law (4th Edit..), pp. 430 - 439
[2] Joffe, Minority Shareholders: Law, Practice and Procedure (2000) pp 26-7
[3] App. Ċiv. 6.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet Bonniċi Cachia noe vs Aġius et noe (Kollez. Vol: LXXV.ii.571)
[4] Ara App. Ċiv. 31.7.1996 fil-kawża fl-ismijiet Paċe pro et noe vs Bonello pro et (Kollez. Vol: LXXX.ii.849)

*Fil-Pag 891 ta`* ***Principles of Maltese Company Law, Andrew Muscat*** *(op. cit) ighid :*

*"It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation."*

*L-awtur jirreferi ghal Pag 997 ta`* ***Palmers` Company Law*** *(24th Edition - 1987) u ghal Pag 445 ta`* ***Gower and Davies` Principles of Modern Company Law*** *(7th Edition – 2003). Jirreferi wkoll ghas-sentenzi :* ***Ferguson vs Wallbridge*** *(1935) 3 D.L.R. 66 (P.C.) ;* ***Fargro Ltd vs Godfroy*** *(1986) 1 W.L.R. 1134 ; u* ***Barrett vs Duckett*** *(1995) 1 BCLC 243.*

*Ta` l-istess portata huwa dak riportat fil-Pag 211 ta` "***Company Law*** *(OUP), fejn* ***Alan Dignam u John Lowry*** *jirrilevaw :-*

*Where a company goes into liquidation the court will not allow a derivative action to be brought or continued because the liquidator then has the statutory power to litigate in the company`s name (Insolvency Act 1986, S 165(3), S 167(1) and Sch 4 para 4). The position was succinctly stated by Walton J in Fargro ltd vs Godfory (1986) :*

*"But once the company goes into liquidation, the situation is completely changed, because one no longer has a board or indeed a shareholders` meeting, which is in any sense in control of the activities of the company of any description, let alone its litigation. Here what has happened is that the liquidator is now the person in whom that right is vested."*

*See also Cinematic Finance Ltd vs Ryder para 10.4)*

*The rationale for this is clear. Once a company goes into liquidation, the liquidator takes control of the company`s affairs. If the liquidator refuses to initiate litigation, a shareholder may apply to the court for an order directing the liquidator to sue or an order permitting the shareholders to bring proceedings in the name of the company (Fargro Ltd v Godfroy 1986). Before granting such an order, the Court must be convinced either that the liquidator exercised his discretion mala fides or that he came to decision to which no reasonable liquidator would have come. (Leon v York-O-Matic Ltd) 1966).*

Tenut kont kemm tat-tgħalim tal-Professur Andrew Muscat kif ukoll tal-insenjament tal-Qrati taghna fiċ-ċirkostanzi kif fuq msemmi, jirriżulta li:

1. Il-kumpanija Innag Household Limited mhix l-attriċi f'din l-azzjoni, iżda ġiet mħarrka bħala konvenuta f'dawn il-proċeduri;

2. L-atturi ma ġabu l-ebda provi li b'xi mod juru li ppruvaw minn kollox sabiex il-kumpanija in kwistjoni tieħu azzjoni kontra d-diretturi tagħha, anzi m'hemm l-ebda indikazzjoni li bejn l-1988 (meta tneħħew minn diretturi) u l-1998 (meta l-

kumpanija ġiet xjolta) kien hemm attentat mill-atturi li jsejjħu laqgħa ġenerali annwali, jew li b'xi mod ikkomunikaw mal-konvenuti sabiex din issir;

3. L-atturi lanqas ma ġabu prova li ppruvaw isolvu l-vertenza li għandha quddiemha l-Qorti b'xi mod alternattiv;

4. L-atturi lanqas ma ġabu prova li kien hemm *wrongdoer control* u dana stante li ma nġiebet l-ebda prova li l-konvenuti azzjonisti Anthony Mallia u Anthony Debattista b'xi mod aġixxew kontra l-interessi tal-kumpanija. Oltre` minn hekk, la darba ma kinux qegħdin isiru *shareholders' meetings* ċertament li ma jistax jingħad li l-konvenuti kienu qegħdin jivvutaw fl-istess laqgħat sabiex jaġixxu b'mod frawdolenti jew li jwassal għal mal-amministrazzjoni. Semmai kien hemm <u>aċċettazzjoni taċita</u> tal-azzjonijiet tad-diretturi miż-żewġ konvenuti azzjonisti li din il-Qorti ma tqisx li hija biżżejjed sabiex ikun hemm *wrongdoer control* u dana stante li sabiex jirriżulta *wrongdoer control* jeħtieġ li jkun hemm <u>approvazzjoni</u> tal-azzjonijiet mill-azzjonisti;

5. Il-kumpanija Innag Household Limited permezz ta' provvediment tal-10 ta' Lulju 1998 ġiet iddikjarata xjolta u nħatar stralċjarju u għalhekk la darba sar dan kellu jkun l-istralċjarju li semmai jibda' tali proċeduri. Isegwi għalhekk li l-fatt li permezz tal-imsemmija provvediment, il-Qorti laqgħet l-ewwel u t-tieni talba attriċi, dan rrenda insostenibbli t-tielet u r-raba' talbiet attriċi.

Għalhekk la darba ma ġewx ippruvati mill-atturi li jeżistu l-elementi neċessarji għall-azzjoni derivattiva, u la darba l-fatt li l-kumpanija ġiet xjolta u nħatar stralċjarju rrenda l-azzjoni derivattiva insostenibbli, din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-tielet u r-raba` talba attriċi.

## <u>DECIDE</u>

**Għaldaqstant,** ghall-konsiderazzjonijiet u r-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi **tiċħad** it-tielet u r-raba' talbiet attrici u **tastjeni** milli tippronunzja ruha dwar il-hames talba peress illi l-Qorti gja pprovdiet dwar dan fil-provvediment taghha tal-10 ta' Lulju 1998.

**Bl-ispejjez jitħallsu mill-atturi.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**